
IN JERUSALEM

Il-Knisja

Tal-Beatitudni

Ħdejn

Il-Baħar

Tal-Galilija



L-Erbatax-il-Sena APRIL - MEJJU - ĠUNJU, 1968. Għadd 2.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




L-Erbatax-il-Sena APRIL - MEJJU - ĠUNJU, 1968. Għadd 2.

X'FIH DAN IL-GĦADD

DARBA FIS-SENA (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 33

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Il-Bibbja u l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù
(P. Lett. Gwidu Schembri O.F.M.) ... ... ... 34

Is-Sultan Salamun (Sura Biblika) (P.L.M.C.) ... ... ... ... 38

Il-mirakli ta' Ġesù fl-Evanġelji Apokrifi (R.A. Tabone) ... ... 42

Driegħ il-Mulej fl-Istorja tal-Ġens Lhudi (A.M.G.) ... ... ... 44

Ġerusalemm: Belt ta' Tliet Reliġjonijiet
(Fr. N. Ellul Vincenti, O.F.M., B.A.) ... ... ... 48

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Is-Santwarju tal-Beatitudni (P. Lett. Mikiel Catania, O.F.M.) ... 53

Il-Bniedem ġej mix-Xadina?
(P.L. Andrea Cuschieri, J.C.D., S.R.R. Adv.) ... ... 56

Wara tul ta' żmien, wasal if-Faraġ (Mill-"Acta Terrae Sanctae") ... 59

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 62

Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# DARBA FIS-SENA...

*Lid-dinja nisranija, lil kull nisrani, ikun fejn ikun, darba f'kull sena, tiġi magħmula stedina — stedina setgħana — li tfakkru jitfa' daqsxejn ħħarstu lejn ix-Xerq, jaħseb ftit fl-għeżież IMKEJJEN IMQADDSA tal-Palestina, tifkiriet u xhieda ħajja tal-fidwa tagħna. Hi l-Knisja li tistieden, waqt li titlob sħubija fit-talb u fil-għoti ta' għajnuniet sabiex dak li Kristu waqqaf u temm f'dik l-Art li hija tiegħu, ma jitħarbatx, ma jintilifx, iżda jibqa' minn jum għal ieħor jinżamm, jikber, jissaħħaħ u jsir dejjem iżjed siewi u għammieli.*

*Hi stedina "setgħana" magħmula mill-Knisja. Mela tolqot lilna lkoll uliedha, sabiex iġġagħalna nissieħbu u nieħdu sehem f'dak l-appostolat li Kristu u l-Knisja erħew taħt il-ħarsien ta' San Franġisk t'Assisi u ta' l-Irħieb uliedu, li għal aktar minn seba' mitt sena ilhom imexxu l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. U għal dan il-għan il-Papiet ħolqu l-"Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu", mwettqa u mħeġġa mill-aħħar Papiet. "Ninqdew bil-qalb minn din il-ħabta" — qal Papa Ġwanni XXIII — "Ninqdew bil-qalb minn din il-ħabta, sabiex inseddqu dak li għamru l-Papiet ta' qabilna Lijuni XIII u Beneditt XV, li fil-Knejjes Parroċċi ta' kullimkien għall-inqas darba fis-sena, issir ġabra għall-ħtiġijiet tal-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina". (A.A.S.X. 1918, pag. 437). U jissokta, Papa Ġwanni: "U dan jinħtieġ infehmulkom sewwa, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien kif qed jiġri, aktar jinħtieġu flus għan-nefqa. Ma jiġri — Alla ħares qatt — li hekk għadd ta' opri reliġjużi, ċivili u soċjali, ta' karità u ta' benefiċenza u ta' għajnuna, jonqsu, jaqgħu u jintemmu MINKEJJA l-ġid li kienu jagħtu".*

*Għad-dell tas-Santwarji Mqaddsa tal-Fidwa tagħna, l-Irħieb Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa, bl-għajnuna t'Alla, bil-ħidma tagħhom u bl-għajnuniet li jibagħtulhom l-insara devoti, ħolqu, waqqfu u żammew u jżommu ħidmiet u opri kbar ta' karattru reliġjuż, soċjali u ta' karità, skond ix-xeħta u l-ħtieġa tan-nies li fosthom jaqdu l-Missjoni tagħhom.*

*Huma 180 Knisja u Santwarju, 78 Dar u kunvent, 58 parroċċa, 20 klinika u dispensarju fejn idewwu l-morda, 16 l-officini tax-xogħol u 11 l-Istitut ta' tagħlim: skejjel primarji u sekondarji, kulleġġi eċċ. Huma mijiet ta' bniet u subien iltiema; huma eluf ta' żgħażagħ, ta' xjuħ u ta' foqra li jridu għajnuna mill-Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa. Huma bla qies, ma jingħaddux il-ħtiġijiet tal-Kustodja tat-Terra Santa.*

*Nilqgħu mela, l-istedina li tagħmlilna l-Knisja. Hi stedina setgħana, ħabiba li ġejja mill-Qalb ta' Kristu; u nilqgħu bil-qalb "JUM L-OPRA PIJA" u nwettqu malajr b'ġenerosità u b'ferħ kbir, dak li l-Knisja trid minna bħala għajnuna għall-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.*

*ID-DIREZZJONI*

## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# IL-BIBBJA U L-INKARNAZZJONI TA' GESU'

*minn P. GUIDO SCHEMBRI, O.F.M.*

Dan li ġej huwa studju personali tiegħi. Hu studju li ili naħseb fuqu snin u li għadni ma fissirtux perfettament f'moħħi. Qed nipprova nfisser hawn il-ħsibijiet tiegħi fil-kitba biex niċċarahom aħjar u forsi nsib kliem li jfisser tajjeb dak li hemm moħbi f'moħħi. Qed nikteb ukoll hawn biex int li taqra tipprova tifhimni u forsi tasal aħjar minni tfisser dak li rrid infisser jien. Jekk tinteressa ruħek f'dak li ser ngħid u tinqala' tikteb, agħmilli pjaċir ikteb fuq l-istess ħaġa u kkritikani: uri fejn għedt ħażin jien, u fejn għedt tajjeb. Għid fejn il-ħsibijiet tiegħi huma dgħajfin u mudlama u fejn għandhom saħħa u dawl. U jekk żbaljajt mija fil-mija, għidli wkoll, u nirringrazzjak. B'hekk jitgħallem kulħadd. Meta nippruvaw ngħidu xi ħaġa minn tagħna, inkunu qed nagħmlu l-ġid għax ma nibqgħux nagħmlu bħaxxadini, nikkupjaw wieħed 'il ieħor. U f'dan li ser ngħid m'jien ser indaħħal l-ebda domma jew xi verità definita mill-Knisja. U għalhekk m'hemm lok ta' ebda ereżija.

### IN-NATURA TAL-BIBBJA

Minn dak li qalet il-Knisja u minn dak li tgħid il-Bibbja stess, jien nikkonkludi li l-Bibbja qisha Kristu, il-Bniedem-Alla. Mhux daqsu, għax hi ħierġa minnu, u la darba ħierġa minnu ma tistax tkun daqsu. Imma jidhirli li tixbħu ħafna fin-natura tagħha. U ma tistax ma tixbħux la darba ħierġa minnu, bħala l-Bniedem-Alla.

Il-Knisja u l-Bibbja stess igħidu li l-Kotba Mqaddsa huma l-Kelma t'Alla. S'hawn nafuh tajjeb. Issa l-kelma tiġbed in-natura tal-fomm li minnu tkun ħierġa. Kliemi hu uman, ta' bniedem, għax jiena bniedem. Kliemi ma jistax ikun t'Alla, għax jien minix Alla. Issa l-Bibbja hi l-Kelma t'Alla għax ġejja minn Alla. Imma hi wkoll il-kelma ta' bnedmin bħalna għax għaddiet mill-fomm u l-kitba ta' bnedmin bħalna. Meta l-Profeti tennew il-kelma t'Alla lissemmiegħa tagħhom, tennewhielhom b'fommhom ta' bnedmin li kienu. Dawn ma ħallewx il-Kelma t'Alla "spirtu biss" (għax kieku ħadd ma kien jifimha), imma laħħmuha bil-kelma tal-bnedmin, u hekk in-nies fehmuha.

Mela l-Bibbja hi ta' natura divina u umana fl-istess ħin. Hi ta' natura divina għax ġejja minn Alla u hi l-Kelma t'Alla. Hi wkoll ta' natura umana għax inlaħħma bil-kelma tal-bniedem.

Mela n-natura tal-Bibbja hi bħal dik ta' Kristu hemm persuna waħda (dik tal-Verb, ngħidu fit-Teoloġija). Imma fih hemm żewġ naturi, dik ta' Alla (divina) u dik ta' bniedem (umana). Dawn iż-żewġ naturi jingħaqdu fil-persuna tal-Verb b'dik li ngħidulha "għaqda ipostatika".

Issa nqabblu dan li għedna mannatura tal-Bibbja. Fi Kristu hemm

persuna waħda li mħabba fiha dak li għamel Kristu bħala bniedem għandu mertu divin u nistgħu ngħidu li kien magħmul minn Alla. Issa fil-Bibbja mhemmx persuna għax il-kelma mhix persuna. Imma hemm individwalità tal-Bibbja hi, bħal dik tal-persuna ta' Kristu, divina. U għalhekk il-Bibbja għandha qawwa divina. U b'din l-individwalità divina tal-Bibbja nistgħu nfissru kif il-messaġġ tal-Bibbja hu divin u uman fl-istess ħin.

dem) meta ġiet miktuba mill-awtur uman.

In-natura divina ta' Kristu ngħaqdet mal-ġisem f'Nazaret meta l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu niżlet fil-ġuf purissimu ta' Marija. Dan hu misteru kbir. Hu misteru ta' l-imħabba u l-omnipotenza t'Alla. U naħseb li l-misteru tal-Bibbja jixbaħ ħafna lil dan. Flok il-persuna ta' Kristu, hemm l-individwalità divina tal-Kelma t'Alla. Flok in-natura divina ta' Kristu, hemm in-natura divina tal-



*Kristu jgħallem l-Appostli.*

Għedna li l-persuna ta' Kristu tgħaqqad fiha żewġ naturi: dik divina u l-oħra umana. Hekk ukoll, l-individwalità divina tal-Bibbja tgħaqqad fiha ż-żewġ naturi tal-Kelma: il-Kelma t'Alla (divina) fi kliem tal-bniedem (umana).

U kif in-natura divina ta' Kristu ġiet imlaħħma (ħadet il-ġisem) fl-Inkarnazzjoni, hekk ukoll in-natura divina tal-Kelma t'Alla ġiet imlaħħma (ħadet l-għamla ta' kelma ta' bnie-

Kelma. Il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu hi l-istess waħda fiż-żewġ ġrajjiet. Flok il-ġuf purissimu ta' Marija, fl-Inkarnazzjoni ta' Kristu, hemm il-moħħ u r-rieda tal-kittieb sagru. U Marija, bħall-kittieb sagru, kienet imnissla mill-poplu t'Alla, u, bħall-kittieb sagru wkoll, kienet membru tar-razza umana.

Semmejt li Marija hi membru tal-poplu t'Alla u tar-razza umana, għax Kristu ried jinkarna fil-poplu t'Alla

(kif kienu ħabbru l-profeti) u ried jieħu n-natura tar-razza umana biex isalva r-razza umana kollha. U qabbilt lil Marija, bħala Lhudija u bniedma, mal-kittieb sagru uman, għax Alla ried iġiegħel jidwi leħnu u Kelmtu ir-razza umana kollha permezz tal-poplu Tiegħu. U Alla ried jinqeda bil-poplu Tiegħu għax fih hejja u wettaq u xerred il-ġid tal-fidwa ta' Kristu li hi l-milja, il-għan u l-għana tal-Kelma Tiegħu.

## IL-KELMA T'ALLA U KRISTU-KELMA T'ALLA

Dak li għadna kemm fissirna nistgħu naghtuh dawl aktar minn dan li ser ngħidu.

Fil-Għaqda l-Qadima naqraw ħafna drabi fuq in-natura u l-missjoni tal-Kelma t'Alla. Din xi drabi tfisser il-kelma miktuba tal-liġi (Eżodu 34:28; Dewteronomju 4:13; 10:4) li saret il-ħajja nfisha tal-poplu t'Alla (Dewter. 32:47; 8:3). Għaxriet ta' drabi, 'l hawn u 'l hinn, din tfisser ukoll il-qawwa u r-ruħ tat-tagħlim tal-profeti u ta' l-għorrief tal-poplu t'Alla. Barra minn hekk, dil-Kelma kienet xi drabi tiġi ppersonifikata fl-għerf t'Alla, bħala rivelazzjoni ħajja t'Alla (Salm 119:89) u bħala ħidma sħiħa u setgħana t'Alla fl-ordni u l-istorja tad-dinja (Salm 147:15; 107:20; Iżaija 55:11; Ktieb il-Għerf 18:14ss.).

Mela jidher ċar li l-Kelma t'Alla hi manifestazzjoni tan-natura t'Alla. Mela n-natura tagħha hi divina: divina għax ħierġa minn Alla u għax turi 'l Alla lid-dinja.

Issa San Ġwann igħidilna li dil-Kelma t'Alla tlaħħmet fi Kristu u ħadet il-ġisem bħal tagħna. Dan sar fl-Inkarnazzjoni fil-ġuf ta' Marija. Mela f'Ġesù il-Kelma t'Alla waslet fil-milja tagħha. Qabel kienet dehret inkarnata fir-revelazzjonijiet u l-ħidma t'Alla, fit-tagħlim tal-profeti u l-għorrief ta' Iżrael li ġew miġburin fil-Bibbja. Fil-milja taż-żmenijiet, imbagħad, ġiet inkarnata fi Kristu li f'ġismu magħqud mad-divinità ġabar l-aqwa rivelazzjoni, ħidma u tagħlim fuq Alla.

Għalhekk mela l-Bibbja hi bħall-umanità ta' Kristu. U barra li ġiet inkarnata bħal Kristu (id-divinità ta' Kristu fil-ġisem li ħa minn Marija — id-divinità tal-Bibbja fil-kliem u l-kitba ta' l-awturi umani), il-Bibbja baqgħet u tibqa' turi d-divintà t'Alla u ta' Kristu matul iż-żmenijiet, bħal ma Kristu baqa' u jibqa' juri d-divinità t'Alla u Tiegħu fis-sagramenti.

## IL-BIBBJA HI SAGRAMENT TAL-GRAZZJA

Fost ħwejjeġ oħra, San Ġwann għallimna fl-Evanġelju tiegħu li Ġesù hu s-sagrament tal-ħajja ta' dejjem. Ġesù hu l-akbar sagrament għax is-seba' sagramenti huma l-kanali tal-grazzja ta' l-umanità Tiegħu (magħquda mad-divinità) li permezz tagħhom baqgħet ħajja fostna.

Issa l-Bibbja hi wkoll sagrament għax hi wkoll kanal tal-grazzja ta' Ġesù. Għalina, li qed ngħixu mijiet ta' wara Ġesù, hi wkoll il-manifestazzjoni tal-Kelma ta' Kristu (hemm bosta u bosta testi li juru dan) u l-għajn li minnha nixorbu l-ilma tal-ħajja tal-grazzja ta' Ġesù. Hi l-ikel, ix-xorb, id-dawl, il-hena u l-ħajja u l-qawmien ta' ruħna. F'hekk tixbaħ ħafna lil Kristu; anzi hi parti minn Kristu. Għalhekk hi sagrament, għax hi nixxiegħa u kanal tal-grazzja.

## IL-BIBBJA, BĦALL-UMANITA' TA' ĠESU', HI "SINJAL TA' KONTRADIZZJONI"

Ix-xwejjaħ Xmun kien qal lil Marija meta ppreżentat lil binha fit-Tempju li Ġesù (Alla magħqud mal-bniedem) kellu jkun "is-sinjal ta' kontradizzjoni". U hekk kien tabil-ħaqq. Kien hemm min emmen fih, min le. Kien hemm min ħa l-ħajja ta' dejjem minnu, u kien hemm min wiret il-kundanna tal-mewt ta' dejjem għa xma emminx fih. L-Evanġelji kollha, speċjalment ta' San Ġwann, jgħallmu dan ċar u tond.

Hekk hi l-Bibbja. Hemm min jaqraha, jgħożżha u jfassal ħajtu fuq it-tagħlim tagħha. Min jagħmel dan isib fiha l-ħajja u l-qawmien tiegħu. Hemm min iwarrabha, ikasbarha, iżeblaħha u ma jimxix wara t-tagħlim tagħha. U min jamel hekk isib il-kundanna tiegħu fiha.

## X'SIWI GĦANDU DAK LI GĦEDNA

Jekk nistudjaw in-natura ta' l-ispirazzjoni tal-Bibbja bid-dawl ta' l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù, inkunu nistgħu nigbdu ħafna konklużjonijiet ta' siwi.

L-ewwelnett nitgħallmu li l-ispirazzjoni t'Alla lill-awtur sagru ma kenitx biss qawwa t'Alla li tmiss biss iż-żmien li fih inkiteb il-ktieb sagru. Imma kienet qawwa divina ilha taħdem fil-poplu t'Alla u għadha taħdem s'issa fina u sabet iċ-ċentru tagħha fil-kitba tal-ktieb sagru. Sewwa sew kif Alla kien ilu fid-dinja u għadu jaħdem bis-sagramenti u qiegħed iċ-ċentru tal-ħidma divina Tiegħu fl-Inkarnazzjoni tan-natura t'Alla fil-ġuf ta' Marija.

Nitgħallmu wkoll li m'għandniex inqisu l-awtur sagru bħala *strument* biss t'Alla fil-kitba tal-ktieb sagru. Fl-Inkarnazzjoni, Marija ma' kenitx biss strument, imma ko-operatriċi t'Alla u kanal li għadda l-umanità lil Ġesù u l-prerogativi tal-poplu Lhudi. Kienet *strument l-aktar attiv*, u ħafna aktar minn hekk. Hekk ukoll l-awtur sagru meta kiteb il-ktieb tiegħu ma kienx strument biss; kien bħall-ġuf ta' Marija; kien bħal għalqa maħduma u mhejjija biex tilqa' ż-żerriegħa tal-Kelma; kien dak li laħħam il-Kelma t'Alla bil-kliem tal-bniedem; kien bħal kanal li għadda n-natura umana tal-kelma bil-kwalitajiet kollha tagħha biex tingħaqad man-natura divina tal-Kelma t'Alla.

Nitgħallmu li dak li qalu ħafna għorrief li meta Alla "ispira" lill-awtur sagru, Hu "iddettalu" dak li għandu jikteb, dan ma jfissirx sewwa l-azzjoni t'Alla fl-awtur sagru. Mhux minnu li Alla "iddetta", għax l-awtur sagru ma kienx segretarju t'Alla fil-kitba tiegħu. Alla dawru bil-qawwa u d-dawl Tiegħu biex jikteb, sewwa sew kif għamel ma' Marija meta ikkonċepit lil Ġesù. L-għorrief ilhom jgħidu li l-ideja ta' "dettazzjoni" mhix flokha, u naħseb dak li rajna jiswa mhux ftit biex l-ideja ta' "dettazzjoni" nsewwuha.

Naraw ukoll li l-Bibbja mhix biss *messaġġier ħaj* b'ħafna messaġġi, kif hu l-Iben t'Alla inkarnat.

U nitgħallmu fl-aħħarnett li l-awtur sagru mhux biss "kittieb" u "awtur" għax il-ħidma tiegħu mhix marbuta mal-kitba biss. Hu aktar kanal li nqeda bil-kitba biex jgħaddi lill-bnie-dem il-ħsibijiet, ix-xewqat u l-messaġġi t'Alla. U ma kienx marbut mal-kitba, għax il-ħidma tiegħu hi "kerigma" ħajja (xandira t'Alla) fil-poplu t'Alla kemm qabel ma nkitbet, kif ukoll wara li nkitbet. U din hi

kwalità li l-ebda ktieb ieħor ma għandu.

### GĦELUQ

Dan li għedt hu biss ftit minn dak li xtaqt ngħid. Hu biss ġabra ta' ftit konsiderazzjonijiet fil-qosor. Hu biss bidu ta' dak li wieħed jista' jgħid u jfisser aħjar. Jista' jkun li l-konsiderazzjonijiet tiegħi huma żbaljati, neqsin, jew eżaġerati. U, billi jien konvint li mhumiex mibnijin fl-ajru, nixtieq li xi ħadd aktar profond minni jissokta miexi 'l quddiem fit-triq li ftaħt jien. Naf li għandna hawn Malta teoloġi li jistgħu jagħmlu dan, u jekk jagħmluh, naħseb li x-xogħol aktar dawl.

# IS-SULTAN SALAMUN

## (SURA BIBLIKA)

Salamun hu bin is-sultan u profeta David. Bil-kemm kellu l-għoxrin sena tiegħu meta ħa f'idejh is-Saltna ta' Iżraeli, wara li kien ħa wkoll minn għand missieru, qrib il-mewt, tagħlim u twissijiet ta' kif għandu bir-reqqa kollha joqgħod għall-qadi tal-Liġi, u ta' kif kellu jimxi biex jisthoqq żgur l-għajnuna ta' Jehova u jqiegħed fis-sħiħ is-sisien tas-Saltna ta' Iżraeli għal ma' tul iż-żminijiet, b'sensiela ta slaten oħra bla għadd mill-ġid ta' ġensu (I Reg. II, 1-4 — LX, 5ss.).

B'imġiba hekk għarfa u bi tmexxija hekk għaqlija tas-saltna li Alla kien waqqaf bil-qaddej fidil tiegħu, David, it-Tron ta' Iżraeli kien hekk għola fis-setgħa u fil-ġieħ, li ġieb għal taħtu l-għedewwa kollha ta' ma' dwaru, hekk, li l-għadd tan-nies taħt is-Saltna ta' Iżraeli kien sar hekk kbir daqs "ir-ramel tal-baħar... u minn Dan sa Bersabea kulħadd kien jgħix hemm bla ebda biża' għad-dell tad-dielja tiegħu u tas-siġra tat-tin ta' daru" (I Regum, IV, 20).

Għalhekk, kif ħa f'idejh is-Saltna wara David missieru, Salamun, fuq it-tagħlim u t-twissijiet ta' missieru David, seta' dlonk jaħseb iwettaq għall-ġid tal-poplu tiegħu dak kollu li kien jista' jiswielu ta' hena fi żmien ta' sliema u ta' paċi. Mogħni kif kien minn qaddisu b'doni tan-natura kbar u mmexxi dejjem fuq it-tiġrib ta' missieru, ukoll f'dak li hu ta' xeħta pulitka, fittex li jgħakkes, qabel xejn, lil dawk li kienu ta' xi tiġrib għas-Saltna, billi jqishom bħala nies ta' mingħajr biża' t'Alla u neqsin ukoll mill-imħabba lejn pajjiżhom; lejn dawk imbagħad, li kellhom għal qalbhom il-qadi bir-reqqa tal-Liġi ta' Mosè u b'xi mod jiswew għall-ġid ta' Iżraeli kien juri ġibda, tjubija u mħabba. Dan is-Sultan Salamun kellu jibda jwettqu sa mill-bidu tal-ħakma tiegħu kontra Adonija, li ried u ħadem ukoll biex jaħtaflu l-jedd għas-Saltna, u kontra dawk li għenuh, biex flok Salamun jiret Adonija s-Saltna ta' Iżraeli (I Reg. II, 5ss.).

U hekk inxteħet għax-xogħol Salamun. Imwarrbin dawk kollha li kienu ta' xi tiġrib għall-Istat u għar-Reliġjon, Salamun sab ruħu Sultan ta' saltna hekk qawwija, setgħana u

mferrxa, li hu kien sar jista' iħaqqaqa ma' kull sultan ieħor ta' dak iż-żmien. Kbir fil-għana, għoli fil-ġieh u bla qies fil-għadd tan-nies, it-Tron ta' Iżrael ma kienx anqas fis-setgħa minn dak ta' l-Eġittu; u Salamun, biex aktar isaħħaħ is-setgħa tas-saltna tiegħu, nqeda bil-politka taż-żwieġ, billi talab lil Faragħuni Pousennes II biex iżewġu il bintu, bħala martu u reġina tas-saltna ta' Iżraeli, li ġejja mill-aqwa saltna setgħana u qawwija ta' dak iż-żmien.



Għalkemm dan kollu, iżda, Salamun ma nisiex li biss is-sedqa tas-sema żżomm sħiħ u qawwi t-Tron ta' Iżraeli; u għalhekk, fuq it-twissijiet ta' Missieru David, terraq għal Gabaon fejn hemm offra elf ostja lis-Saċerdoti ta' Jehova bħala għamil sollenni għall-bidu tas-saltna tiegħu. Dan l-għamil qaddis għoġob mhux ftit lil Alla, hekk, li Hu deher lil Salamun fil-ħolm, bħalma darba kien deher lil Abraham u lil Ġakobb (Ġen. XV, 1. — XXVII, 12) u, bi ħlewwa l-aktar kbira, qallu: "Itlobni dak li tixtieq!"

Iż-żagħżugħ sultan, b'quddiem għajnejh dak li kien għamel Alla ma' David missieru u jara ruħu żgħir fiż-żmien u nieqes mit-tiġrib u mill-għerf meħtieġ għat-tmexxija ta' poplu hekk kbir, wieġeb lil Alla: "Ja Sidi, inti mxejt bi ħniena kbira ma' David missieri, għax hu quddiem għajnejk stess kien tħarreġ fis-sewwa, fil-ħaqq u fir-reqqa tat-tmexxija ta' qalbu Lejk; inti ħaristu bi kbira ħniena u tajtu iben li kellu jiret it-Tron tiegħu, bħalma l-lum ġara. Imma issa, ja Sidi, li ħtart biex isaltan lill-qaddej tiegħek minflok David missieri, Inti taf, li jiena tifel żgħir u ma naf la nidħol u l-inqas noħroġ; il-qaddej tiegħek hu ġa' f'nofs il-poplu li inti ħtart, poplu hekk kbir li ma jistax jingħadd mħabba l-kotra tiegħu. Agħti, għalhekk, lill-qaddej tiegħek qalb miġbuda għall-qadi tal-Liġi biex tista' tħares lill-poplu tiegħek u taf tagħżel il-ġid mid-deni. U min qatt jista' jgħid fis-sewwa fuq dan il-poplu tiegħek hekk kbir u qawwi"? (I Reg. III, 6-9).

Għalkemm dan kollu li għedna kien ġara fil-ħolm biss, ma' dan kollu, hekk instab li hu veru u tassew, li l-ħolma kienet qisha bxara minn dawk tal-profeti, li bihom jinqeda Alla biex jgħarraf ir-Rieda tiegħu lill-bnedmin. U għax hekk fehemha wkoll Salamun, Alla laqa' bil-qalb it-talba taż-żagħżugħ sultan u tah mhux biss moħħ u dehen ta' għerf u għaqal għat-tmexxija tas-saltna, imma wkoll żejnu u mlieh hekk bl-għerf tal-ħwejjeġ t'Alla u tad-dinja (Sap. VII, 17: — Sirak. XLVII, 1), li ġie mgħarraf u mwet-

taq, li "ebda sultan ieħor, fost -s-slaten, ma jkun hemm bħalu, jekk jagħraf iżomm ruħu fidil fil-qadi tal-Liġi t'Alla" (I Reg. III, 6-9).

Fehem Salamun x'kienet tfisser dik il-ħolma li bagħatlu Alla u għal-hekk, malli reġa' mar lura f'Ġeru-salemm, ħaseb, qabel xejn, jagħti ħajr 'l Alla. Vittmi u sagrifiċċji b'kotra kbira saru quddiem l-Arka; imbagħad, bi stedina ta' l-uffiċjali tiegħu għall-ikla, magħqudin flim-kien, ried li jibda s-saltna tiegħu b'sagrifiċċji u vittmi mdeħbin 'l Alla fiż-żewġ imkejjen l-aktar qaddisa fis-saltna tiegħu: l-Imkien fejn kel-lha toqgħod l-Arka u l-imkien l-ieħor fejn kellu jkun it-Tabernaklu.

U mgħaddiex żmien wisq li lil Salamun ġieh il-ħin li jinqeda bl-għerf u bid-dehen li tah Alla. Dan l-għerf li kien ta Alla lil Salamun kien ifisser biża qaddis, b'ħass fin u rqiq kull fejn jidħol il-Ħaqq u s-Sewwa b'ħila li jagħraf iħoll b'ħeffa kbira kull tfixkil, kull pro-blema u kull kobba, imħabbla kemm tkun imħabbla. Mela ġara l-każ, li żewġ nisa ta' mġiba ħażina resqu quddiem is-Sultan Salamun jillitikaw bejniethom fuq ta' min minnhom kien it-tifel li kien miet u ta' min dak li baqa' ħaj. — Kienet din kawża aktarx li kienet għadha mhix maħlula mill-Imħallfin tas-saltna, u għalhekk inġiebet quddiem is-sultan. Hi x'inhi, iż-żewġ nisa resqu qud-diem Salamun u waħda minnhom bdiet tgħid: "Ja Sidi, din il-mara u jiena konna ngħammru f'dar waħda, u jien kont tqila u wellidt tifel fl-istess kamra tagħha. Wara tlitt ijiem li kont ħlist jiena, willdet uk'oll hi tifel u bqajna flimkien; ħadd ma kien hemm iżjed f'dik id-dar, barra minna t-tnejn. Issa ġara, ja Sidi, t-tifel ta' din miet ma' tul il-lejl, għax fgatu waqt li kienet rieqda. Meta stembħet u rat x'kien ġralha, qamet fil-ħemda tal-lejl, ħadet lil ibni minn ħoġri, qaddejja tiegħek, Ja Sidi, waqt li jiena kont rieqda u qegħditu f'ħoġorha. Meta jiena, im-bagħad, qomt fil-għodu u ġejt biex inreddа' 'l ibni, insib li ibni kien mejjet. Meta mbagħad, iżda rajtu binhar, flejtu sewwa u rajt li dak ma kienx ibni mwelled minni, imma kien ta' dik l-oħra".

U hawn wieġbet il-mara l-oħra: "Mhux kif qiegħda tgħid inti, għax it-tifel tiegħek hu li miet, tiegħi hu l-ħaj". U l-oħra mbagħad, tenniet: "La tiġdibx, għax it-tifel tiegħi hu l-ħaj, il-mejjet hu tiegħek. Tista' tgħid li trid, kemm trid u quddiem min trid!" U hekk baqgħu sejrin imieru lil xulxin quddiem is-Sultan, li qagħad jismagħhom b'sabru kollu.

Fl-aħħar imbagħad, is-sultan Sala-mun qam minn bil-qiegħda, u qal: "Din il-mara tgħid: it-tifel il-ħaj hu tiegħi, il-mejjet hu tiegħek. U dik l-oħra twieġeb: "Lè, qiegħda tiġdeb, tiegħi hu l-ħalj, tiegħek hu l-mejjet. Qal imbagħad is-Sultan:— "Ġibuli x-xabla! . . . namar: jin-qasam min-nofsu bix-xabla f'żewġ bċejjeċ it-tifel il-ħaj, u kull mara minn dawn tieħu nofsu! . . . Għal dan l-amar twerret il-vera omm ta' dak it-tifel il-ħaj. U "lè ma jkun qatt, ja Sidi, nitolbok bil-ħerqa, li ibni jiġi mċarrat bix-xabla: agħtih, ma jimpurtax, imbasta ħaj, agħtih lil dik l-oħra! Imma l-oħra bdiet tgħid: "Lè, la nieħdu jien u l-inqas inti: Jinqasam f'biċċtejn: biċċi jien u biċċa inti!" Hawn is-Sultan għaraf is-sewwa, u qal: "Agħtu lil dik il-mara t-tifel ħaj, m'għandhiex tin-qatel: Dik tabilħaqq hija Ommu (I Reg. III, 17ss.). U hekk is-Sultan Salamun ħall dik il-kustjoni tqila.

L-aħbar ta' dan il-ġudizzju mogħti minn Salamun dlonk xterdet a' Iżraeli u mliet bil-biża' lill-poplu kollu, li mgħaġġeb b'hekk kbir ta' għerf mogħti lilu mn'Alla, għaraf sewwa kemm dan is-Sultan tagħhom jaf jagħraf in-nies u l-ħwejjeġ moħbijin tan-natura, u tagħhom ifisser il-ġmiel, is-siwi u l-ħtieġa b'parabbli u xebh li jgħaġġbu l-kulħadd.

Ma' dan l-għerf hekk kbir, li huwa bħala sies qawwi tas-Saltna u li ġibed lejh il-ħarsa tal-għaġeb talpopli u tas-slaten l-oħra tax-Xerq, Alla kien ta liż-żagħżugħ sultan dak li huwa ma kienx talab: għana u ġieh. Dan l-għana u l-ġieh miżjudin ma' dawk li wiret ukoll minn missieru, ġibdu fuqu l-għajnejn ta' ħafna slaten oħra, li bdew ifittxu l-ħbiberija tiegħu u jmorru jżuruh, jitgħaxxqu jisimgħu l-kliem ta' għerfu, fil-waqt li jħallulu għotjiet ta' siwi kbir (I Reg. IV, X; Sirak. XLVII, 17, 39).

Imwassal f'dak il-ġieh għoli Salamun u merfugħ hekk 'il fuq bl-għajnuna t'Alla l-poplu ta' Iżraeli, is-Sultan Salamun beda jaħseb biex iwettaq dik l-Opra tal-għaġeb li Alla kien ried minnu: il-bini tat-Tempju f'Ġerusalemm. B'dan il-bini tat-Tempju Salamun kellu jħalli isem, li jibqa' waħdieni fl-istorja sagra.

Bi thejjiet kbar qabad dan ix-xogħol, waqt li qabad ukoll ħbiberija ma' Hiram I, sultan ta' Tiru, li kien ġa qabel ħabib ta' David (I Paral XIV, 1), u li Salamun seta' jixtri minn għandu njam taċ-ċedru li jiswa għall-bini tat-Tempju. U tassew, Salamun irnexxielu jiftiehem ma' Hiram I, li dan jagħtih ħaddiema u flotta li ġġorr minn Tiru għal Ġaffa ċ-ċedru kollu u jagħtu x-xogħol meħtieġ u hu, Salamun, min-naħa tiegħu jgħinu f'dak kollu li jkun jinħtieġlu ta' għajnuna pulitka. B'hekk, ix-xogħol mibdi fir-raba' sena tas-saltna ta' Salamun, wara seba' snin u nofs kien lest u Ġerusalemm kellha l-aqwa Tempju mibni lil Jehova tagħha.

Festi kbar saru mbagħad, għaddedikazzjoni tat-Tempju lil Jehova. Il-poplu kollu ta' Iżraeli ġie minn kull naħa tal-Palestina f'Ġerusalemm l-Arka tal-Allijanza merfugħa minn Saċerdoti u Leviti ngarr mill-belt ta' David (l-Għolja tas-Sijon) għat-Tempju, fost ħruq ta' inċens, qtil u ħruq ta' vittmi mitbuħin għal ġieh Jehova, waqt li l-istess Jehova wera Lilu Nnifsu taħt għamla ta' sħaba li mliet Dar il-Mulej.

Alla nnifsu tpaxxa b'din l-Opra u seddaq il-ħarsien tiegħu lis-Saltna ta' Iżraeli, u qal: "Jekk timxi filamarijiet tiegħi, inseddaq dak li kont wegħedt lil David missierek: Ngħammar qalb ulied Iżraeli u ma nabbandunax lill-poplu tiegħi" (I Reg. 16ss.).

Il-festi baqgħu sejrin għal ġimgħatejn sħaħ u meta wasal tmiemhom, Salamun innifsu fetaħ u refa' dirgħajh lejn is-Sema quddiem l-altar, ibierek lil Alla u jitlob minn għandu barka u ġid tas-sema u ta' l-art, tar-ruħ u tal-ġisem għas-saltna u għal niesha; u mbagħad, bierek il-poplu ta' Iżraeli b'leħen għoli, u qal: "Ikun dejjem imbierek il-Mulej li ta serħan lill-poplu ta' Iżrael, skond dak li kien wiegħed lil Mosè, qaddej tiegħu. Il-Mulej, Alla tagħna, ikun magħna kif kien dejjem ma' missirijeta, ma jħalliniex, u ma jitlaqniex, imma jagħmel li qlubna jinġibdu lejh, biex nimxu dejjem mal-fehmiet tiegħu u nħarsu l-kmandamenti ċ-ċerimonji u l-amarijiet kollha li ħalla lill-missirijietna (I Reg. VIII, 56ss.).

Salamun kien ħafna hieni, u ma' tul ġimgħatejn jew 14-il jum, kien debaħ għall-ġieħ ta' Jehova 22,000 genduż, u 120,000 nagħġa (II Par, IV, 1). Il-poplu ta' Iżraeli feraħ ħafna, għax ra li ma naqsux rappreżentati minn naħat kollha tal-Palestina, minn Enath sa Wadi El-Arix fl-Eġittu; u għax ra u fehem li b'dik iċ-ċerimonja ġie mqaddes iċ-Ċentru tar-Reliġjon u tan-nazzjonaliżmu tal-Lhud. Wara dan kulħadd telaq jinġabar lejn daru, jgħolli l-ġieħ is-Sultan tiegħu u jbierek lil Jehova li temm il-wegħdiet tiegħu ma' Iżraeli.

Alla mbagħad deher lil Salamun u qallu: "Smajt talbek, qaddist dan it-Tempju mibni minnek għall-ġieħ dejjiemi ta' Ismi, hemm ngħammar biex inqis u nara infarraġ u nħares lil dan il-poplu tiegħi. Jekk inti timxi miegħi fidil bħal ma mexa missierek . . insaħħaħ il-qagħda tat-Tron tiegħek għal dejjem, bħalma kont wegħidt lil David missierek Imma jekk int u wliedek ma timxux . . . neqred lil Iżraeli minn wiċċ l-art li jien kont tajtu, nċaħad it-Tempju li kkonsagrajt għal Ismi, u jaqa' għaċ-ċajt Iżraeli mal-popli l-oħra" (I Reg. IX, 3-7).

P.A.C.

# IL-MIRAKLI TA' GESU' FL-EVANGELJI APOKRIFI

*(Jaqbad ma' l-għadd ta' qabel, p. 17)*

Billi Ġużeppi kien jara li t-tifel kien qiegħed jikber fil-għaqal u fiż-żmien, qatagħha mill-ġdid li (Ġesù) ma kellux jibqa' bla skola, u ħadu u tah f'idejn surmast ieħor. U s-surmast qal lil Ġużeppi: "L-ewwel ngħallmu l-grieg u mbagħad il-lhudi", il-għaliex is-surmast kien jaf li t-tifel kien bravu u kien jibża' minnu. Madankollu kitiblu l-alfabett u dam jgħallmu ħafna, u (Ġesù) ma qallu xejn. (Fl-aħħarnett) Ġesù qallu: "Jekk inti tabilħaqq surmast u taf sewwa l-ittri, għidli kemm tiswa l-A u jien ngħidlek kemm tiswa l-B". Imma s-surmast telgħalu u sawtu fuq rasu u t-tifel ħassu ħażin u saħtu (lis-surmast), u minnufih intilef u waqa' fl-art kobba. U t-tifel reġa' lura f'dar Ġużeppi. Imma Ġużeppi ddispjaċih ħafna u ordna lil ommu: "La tħallihx joħroġ mill-bieb 'l barra, għax kull min jinbxu jibqa' mejjet" (XII).

Ftit taż-żmien wara, surmast ieħor, ħabib ta' ġewwa ta' Ġużeppi, qallu: "Ġib it-tifel l-iskola tiegħi, forsi bil-kelma t-tajba jirnixxili, ngħallmu l-ittri". U Ġużeppi qallu: "Jekk trid, ħija, ħudu miegħek". U ħadu miegħu bil-biża' u b'rasu qartalla; iżda t-tifel mar bil-qalb kollha. U meta daħal l-iskola, b'rasu għolja, sab ktieb fuq il-leġiju u ħadu f'idejh bla ma jaqra fih, iżda fetaħ fommu u beda jitkellem fl-Ispirtu s-Santu u jgħallem il-Liġi lil dawk li kienu madwaru jisimgħu, u bdew jistagħġ-

bu għas-sbuħija tat-tagħlim tiegħu l-ħeffa ta' kliemu, (jiġifieri) li daqsxejn ta' tifel jitkellem b'dak il-mod. U meta Ġużeppi sar jaf (b'dan), beda jibża' u telaq jiġri lejn l-iskola għax beża' li dak is-surmast (ukoll) ma kienx sejjer jeħlisha ħafif.



*In-Nisa fil-Palestina.*

Iżda s-surmast qal lil Ġużeppi: "Kun af, ħija, li jiena ħadt lit-tifel biex jitgħallem; imma hu mimli bil-grazzja u bil-għerf. (Għalhekk) issa nitolbok, ħija, biex targa' tieħdu d-dar". U meta sema' hekk it-tifel minnufih beda jidħaq u jgħid: "Ġaladarba inti tkellimt tajjeb u wrejt x'inhi tabilħaqq, minħabba fik, dak l-ieħor ukoll li qalagħha, ifiq". U Ġużeppi ħa miegħu lit-tifel, u mar f'daru (XIII).

Ġużeppi mbagħad bagħad lit-tifel tiegħu Ġjakmu jorbot il-ħatab u jġibu d-dar, u t-tifel Ġesù mar miegħu. U filwaqt li Ġjakmu kien jiġbor il-friegħi nexfin, lifgħa gidmet lil Ġjakmu. U billi bdiet tuġgħu sewwa u kien wasal biex imut, Ġesù resaq ħdejh u nefaħlu fejn saret il-gidma, u minnufih ugigħ waqaf u l-lifgħa mietet, u Ġjakmu f'daqqa waħda fieq (XIV).

## NOTI

(XII) Meta l-Awtur ġieb dan il-miraklu biex juri l-għerf kbir u l-qawwa ta' Ġesù, nesa li b'hekk pinġa lil Ġesù bħala tfajjel nebbiexi, supperv u vindikattiv.

(XIII) "Mimli bil-grazzja u bil-għerf". Kliem bħal dan insibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa, kap II, v. 40. Aktarx mela li l-Awtur ikkopja minn fuqu. Imma fl-Evanġelju ta' San Luqa ma nsibux theddid u kastigi minn għand Ġesù.

(XIV) Fl-Evanġelju ta' San Mark, kap XVI, v. 18, naqraw li wieħed missinjali ta' dawk li jemmnu hu li, f'Isem Kristu, jaqbdu u jagħmlu li jridu bis-sriep. U fl-Atti ta' l-Appostli, kap XXVIII, v. 3-6, naqraw ukoll li meta l-lifgħa gidmet lil San Pawl, ma għamlitlu ebda ħsara. Jista' jkun, mela, li l-Awtur ried jikteb xi ħaġa bħal din. Dwar it-tifel ta' Ġużeppi li kien jismu Ġjakmu, ma nsibu xejn fl-Evanġelji l-oħra.

Rev. A. TABONE

## GRAZZJA MAQLUGHA

Mrs. Lucy Casha, mill-Għira, tirringrazzja 'l Alla tal-Grazzja li qalghet bl-interċessjoni tal-Madonna tad-Duluri, li t-tifel tagħha mar tajjeb fuq l-operazzjoni li għamel.

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

12. *Il-Jasar ta' Iżraeli*

Salmanzar, is-sultan ta' l-Assirja, kien mar jeħoda ma' Osija ta' Iżraeli, li dineb quddiem Alla, u ħakmu. U Osija ħtieġlu jibda jħalsu l-ħaraġ. Imma, wara żmien, dan issieħeb massultan tal-Eġittu u ftiehem miegħu li ma jibqax iħallas il-ħaraġ lil Salmanazar. Dan wassluhielu din il-fehma ta' Osija u reġa' mar jeħodha miegħu, u ħarbtu, u ħadu taħt idejh u xeħtu l-ħabs. Salmanazar daħal Samarija u ħadhielu u ġarr miegħu wlied Iżrael ġewwa l-Assirija u ġagħalhom jgħammru ma' tul ix-xtajta ta' Gozan fl-ibliet ta' Hala u ta' Habar fl-artijiet tal-Medi.

Għax kos, ulied Iżraeli wara li Alla ħabbhom u ħelishom minn taħt il-ħakma ta' Farawni sultan ta' l-Eġittu, waqgħu fid-dnub u għalib għalihom tbiegħdu mill-Mulej, Alla tagħhom. U tellgħu vari fuq il-quċċati ta' l-għoljiet u ħarqulhom il-lubien u taw qima lil dawn l-allat tal-frugħa. U għad li Alla nebbaħhom u wissiehom b'fomm il-Profeti, xejn bih ma riedu aktar jisimgħu u webbsu rashom f'dik il-ħajja l-ħażina tagħhom, biex jimxu mad-drawwiet ta' ta' l-għedewwa tagħhom u baqgħu jqimu lil Baal u jammnu bħalhom bis-sħarijiet u joqogħdu għalli jwebblulhom is-saħħara. Fuq hekk, Alla seħethom u aktar bihom ma riedx jaf; u wlied Iżrael li karkruhom barra mill-artijiet tagħhom u baqgħu t-turrufnati sal-lum.

U Salmanazar ħajjar ġnus oħra jmorru jgħammru fl-ibliet ta' Iżraeli: u anqas dawn ma qagħdu għalli Alla ried minnhom; u Alla bagħad f'nofshom id-driebes jeqerduhom. U s-sultan bagħtilhom f'Samarija qassis minn ta' Iżraeli li kien fost l-irsiera tiegħu, biex hu jgħarafhom kif jagħtu qima l' Alla. Imma, dawk in-nies tellgħu knejjes lill-allat tagħhom; u kull ġens lill-allat ta' art twelidhom. U minn dak iż-żmien issemmew Samaritani.

13. *Tobija Waqt il-Jasar*

Tobija kien mill-ġebbieda ta' Neftali u mill-belt ta' dan l-isem. F'żogħżitu mexa dejjem fit-triq tas-sewwa; u waqt li kullħadd kien imur jagħti qima lill-gagoll tad-deheb kif kien riedhom Ġeroboamu, hu biss ħarab u mar jgħammar Ġerusalemm biex hemm jagħti qima lill-Mulej Alla tiegħu fil-Maqdes, u lilu kien jagħti l-bħur ta' l-egħlejjel tar-raba' u ta' kull ġid li kellu. U meta sar raġel ħa b'martu 'l Anni, minn ġidd qrabatu, u twelidlu tifel li semmieh bħalu, Tobija; u minn żogħritu għallmu jibża' mn'Alla u jitbiegħed mit-tiġrib tad-drawwiet l-imgħarqa.

U meta mbagħad Salmanazar sultan ta' l-Assiri ħa lilu, lil martu u 'l ibnu rsiera ma' l-Iżraeliti l-oħra kollha fil-belt ta' Niniveh, kieku qatt darba niġġeż l-ikel tan-nies li fosthom kien jgħammar ma' tul il-jasar tiegħu! U billi kien iħobb l'Alla laqqgħu mas-Sultan; u s-sultan issaħħar warajh u telaqlu jdur għal riħu u ħallieh imur fejn irid, bla ħadd ma jindaħallu, u, minn fuq, tah f'idejh għarma fidda. U Tobija kien dejjem iżur l-irsiera sħabu u ifarragħhom finniket tagħhom, u jqassam il-ħobż lill-imġewħin u xaqaq lil dawk li jin-

ħteġuhom sabiex jinsatru, u jidfen il-mejtin. U sew dik il-ħabta li sab ruħu f'Roges, belt minn tal-Medi, mar iżur lil Gabel, wieħed minn qrabatu; u billi sema' li dan kien magħkus, silfu għaxart ewwieq tal-fidda. Li fi żmienu kienu jsarrfu bosta (qisuhom: £2437 ta' żmienna); u dak għamillu minn idejh għalihom.

Issa ġara li għodwa waħda, meta nġabar id-dar wara d-difna ta' bosta mejtin, Tobija xteħet jistrieħ taħt ħajt, u għajnu marret bih. U waqt dik ir-raqda tiegħu, waqa' fuq wiċċu minn bejta tal-għasafar il-ħmieġ sħun ta' ħuttaf, u għamieh. Issa Alla ħallieh jiġrilu hekk biex iġarrab is-sabar tiegħu bħalma kien għamel ma' Ġobb. U Tobija ħa kollox minn idejn Alla, u kieku biss gemgem darba; u baqa' jgħix fil-biża' tal-Mulej u lilu jiżżiek ħajr għomru kollu talli dejjem waqaf miegħu.

U martu Anni kienet ta' kull jum tmur tinseġ fi djar in-nies biex bixxogħol ta' idejha taqla' għall-ħajja ta' żewġha, u ta' binha, għax dik il-ħabta Sennakerib, bin Salmanazar, ħataflu l-ġid li kellu x'ħin semmewlu li kien jidfen il-mejtin li f'dagħdigħa tiegħu hu kien bagħat joqtol; u Tobija u martu u binhom kienu neqsin minn kollox għaliex l-inqas kellhom ma' min iwasslu aħbar lil Gabel biex kieku jara jroddilhomx il-flus li kienu silfuh billi issa fil-faqar tagħhom jinħteġuhom.

U issa Tobija għaddielu minn moħħu li wasal għall-mewt u sejjaħ lil ibnu Tobija ma' ġenbu biex qallu: "Meta Alla jogħġbu jiġborli ruħi, fi ħdanu, inti idfen ġismi; u qis li tweġġaħ 'l ommok għall-bqija ta' għomorha; u meta ħajjitha tintemm, idfen lilha wkoll f'qabar wieħed miegħi. Żomm l'Alla quddiem għajnejk għal għomrok kollu. La qatt tħalli d-dnub jirkbek; u qassam dejjem mill-ġid tiegħek lill-foqra: jekk ikollok qatigħ, qassam qatigħ; jekk int ikollok il-ftit, imqar mill-ftit qassam kemm tista' u b'qalbek kollha, l-għaliex l-għajnuna tal-fqir teħlisna millmewt u ma tħallix ir-ruħ tintilef fiddlamijiet ta' dejjem. Aħrab kull ma jista' jtabba' r-ruħ tiegħek; ara la qatt titkabbar b'xi frugħa ta' fehmtek jew b'xi kliem żejjed. U qis li inti qatt ma tridlu 'l għajrek dak li inti ma tkun ridt lilek in-nifsek. Stħarreġ dejjem fehmet min hu egħref minnek, u bierek l'Alla f'kull żmien ta' ħajtek.

Imbagħad kellem lil ibnu Tobija fuq il-flus li żmien qabel silef lil Gabel ta' Rages; u wrieh xewqtu li jħejji ruħu jitlaq u jmur isib lil Gabel u jiġbor il-flus, u newwillu l-kitba li kien għamel mn'idejh Gabel biex ikun jista' jurih li mibgħut minn qaribu. "Mur issa, ibni", qallu, "u ma għandek xejn mniex tibża'; aħna qegħdin ngħaddu ħajja mġebbda wisq ta' fqajrin li aħna, iżda għad ikollna, iva, bosta biex nithennew jekk nibżgħu mn'Alla u naħdmu għall-ġid."

14. *Tobija u l-Anġlu*

Mal-ħarġa t-tajn! Tobija ż-żgħir, mal-kelma ta' missieru, heija ruħu biex jitlaq lejn Rages; u kif ħareġ mill-għatba 'l barra ltaqa' ma' żagħżugħ wieqaf f'nofs ta' triq donnu jaħsibha għandux jitlaq jew lè. U billi Tobija raħ minn tagħna u dħuli sellimlu u mar fuqu jistaqsih jafhiex it-triq li twassal fl-artijiet tal-Medi. U l-ieħor wieġbu: "Bosta drabi jien terraqt l'hinn, u Gabel laqagħni f'daru f'Rages". Fuq hekk, Tobija talbu jidħol id-dar għand missieru, u missieru talbu jistax iwassal l'ibnu sa Rages. U dak iż-żagħżugħ wieġbu li jwasslu sa hemm u jarġa' jwassalulu

lura qawwi u sħiħ; u qallu ukoll: "Agħmel il-ħila, dalwaqt Alla jibgħatlek id-duwa għal fejqan ta' għajnejk"! U Tobija ż-żgħir għannaq 'l ommu u 'l missieru, u telaq ma' dak iż-żagħżugħ lejn Rages.

Ma' tulek ja triq, Tobija daħħal riġlejh fl-ilma tax-xmara; u f'dak il-waqt, ħuta kbira tal-biża' ħebbet għalih u riedet tibilgħu. U billi t-tifel twerwer, iż-żagħżugħ li kien miegħu għamillu l-ħila jaħtaf il-ħuta minn garġejha u jigbidha l-art, u mbagħad jiftaħha u joħorġilha l-qalb u l-marrara u l-fwied; u qallu li dawn jiswew wisq għad-duwa, għaliex jekk nitfa qalb tinxtewha id-duħħan li joħroġ minnha iħarrab minnufiħ ix-xjaten mir-rġiel u min-nisa: u l-marrara tiswa biex tidlek biha l-għajnejn u tfejjaqhom. U t-tifel Tobija sama' milli qallu dak il-barrani, u baqgħu sejrin flimkien għal xogħolhom. U dan il-barrani mbagħad ħajru jieqaf għand qaribu Rakjel, li dan ma kellux għajr bint waħda, u kien jixraq wisq jitolbu jżewwigħielu. Iżda. Tobija wiegbu: "Smajt li seba' darbiet oħra żewġuha, u ta' kull darba x-xjaten qatluħha r-raġel mill-ewwel lejl tat-tieġ". U dak il-barrani fis tennielu: "Nagħtik kelma, u isma' minni li ma jkollokx għaliex tindem; dawk li jiżżewġu b'fehma li jitbiegħdu minn Alla biex jagħtu ruħhom għall-ħtija, ix-xitan jegħlibhom ikollu setgħa fuqhom. Iżda, imbagħad, meta inti tingħabar magħha, ibdew biex flimkien titolbu l-ħniena t'Alla u ixħet il-fwied tal-ħuta fuq il-ġamar u x-xitan jitlaqhom minnufih u jaħrab, u Alla jagħnik bl-ulied".

U waslu d-dar ta' Rakjeli, u fehmuh min kienu, u hu laqagħhom b'idejh miftuħa; u sar għors sħiħ daqs kemm ferħu b'xulxin. U meta Rakjeli riedhom joqogħdu fuq il-mejda, Tobija qallu: "Min għalija ma nikolx qabel ma inti tagħtini kelma ta' raġel li żżewwiġni 'l bintek Xara (Sara)". Iżda, Rakjieli, fuq li kien ġralhom lis-sebat'irġiel l-oħra ta' bintu, stamat, ħabat jitnikker u jtemtem ma jafx x'fiħandu jwiegbu. Hawn issa ndaħal dak il-barrani li wassal lil Tobija, u qallu: "La tibżax 'il bintek tagħtiha lil dan irraġel li jibża' minn Alla, il-għaliex ħadd għajru ma jista' jeħodha b'martu". U Rakjiel qegħdilhom id f'id u tejjigħom, u bierek 'l Alla.

U meta daħal il-lejl inġabru waħedhom għar-rqad. U Tobija xeħet fuq il-ġamar il-fwied ta' dik il-ħuta; u l-Anġlu Rafel ħarrab lix-xitan. Imbagħad Tobija qal lil martu Zara: "Ejja nitolbu 'l Alla għal tlitt iljieli, għax jinħteġilna nkunu bħal ulied Alla u mhux le bħal dawk li ma jridux jafu bih". U t-tnejn flimkien talbu 'l Alla b'ħeġġa u ħrara kbira.

U x'ħin sebaħ, Rakjieli bagħat iħaffer qabar, għax ħaseb li Tobija kien ġralu bħalma ġralhom is-sebat irġiel ta' qablu. Imbagħad mar jittawlilhom: u x'ħin wasslulu li huma qawwijin u sħaħ u reqdin flimkien, Rakjieli bagħat dik is-siegħa lill-qaddejja tiegħu jimlew il-ħofra; u hu u martu bierku l'Alla għax kollox mar sewwa. U talab lil Tobija jibqa' miegħu ġimagħtejn; u mill-ġid li kellu, qassam nofsu lil Tobija, u għamillu minn idejh li n-nofs l-ieħor iħallihulu b'wirt wara l-mewt tiegħu u ta' martu Anni.

U Tobija talab liż-żagħżugħ barrani biex kieku jasallu wasla sa Rages, ifittex lill-Gabel. U dak iż-żagħżugħ telaq u mar għand Gabel, u urieh il-kitba tas-self. Dan laqgħu u raddlu kulma kien issellef. U Gabel mar miegħu jifraħ lil Tobija f'dar Rak-

jiel, u bierek lilu u lil martu, u 'l missieru u 'l ommu. Rakjieli, imbagħad, ħallieħom jitilqu lil Xara u lil Tobija, u taħom li wegħedhom, nofs il-ġid li kellu u nofs il-qaddejja tiegħu u l-merħliet u l-iġmla, u ħafna flejjes u raħħmilhom minn qalbu; u hu u Anni għannqu lil binthom u bagħtuhom qawwijin u sħaħ, u mimlijin bil-ġid u l-hena.

15. *Tobija jarġa' jara d-Dawl*

Ix-xwejjaħ Tobija qabad jitħasseb fuq li ibnu ddawwar, u Anni martu tibki u tixher uma ssibx sabar, u ġejja u sejra tittawwal mit-tieqa u tgħarrex, dejjem bit-tama li tarah ġej.

U meta, wara ħdax-il jum, waslu f'Xaran, nofs triq minn Ninivieh, iżżagħżugħ barrani qal lil Tobija iżżgħir: "Ħalli aħna nitilqu u mmorru minn quddiem nagħtu l-bxara lil missierek, għax mur ara xi jsaħħan rasu fuqek billi ddawwartlu; u martek u n-nies li magħha u l-merħliet u l-bhejjem jibqgħu ġejjin għalihom, ħalli aħna nilħqu qabilhom għand missierek. U ġib miegħek il-marrara tal-ħuta għax tkun tinħtieġilna. U hekk kif naslu d-dar, agħti qima u bierek lill-Mulej Alla tiegħek talli għamel miegħek; imbagħad ersaq quddiem missierek ubusu, u idliklu għajnejh b'dik il-marrara tal-ħuta; u, kif ngħidlek jiena, dlonk missierek jara l-ikħal tas-sema u jifraħ ferm jarak bid-dawl ta' għajnejh.

U l-kelb ta' Tobija kif qorbu lejn id-dar, telaq jiġri u jferfer denbu bħallikieku biex jgħarraf lil sid iddar li ibnu kien wasal. U malli waslu qrib id-dar, ommu lemħet lil binha ġej, u marret tagħti l-aħbar lil missieru, u dan qam u b'idu f'id wieħed mill-qaddejja tiegħu, telaq lejn l-għatba jilqa' lil ibnu. U x'ħin tgħannqu u iżżew ħajr l'Alla qagħdu bil-qiegħda. Imbagħad Tobija ħa l-marrara tal-ħuta u għal nofs siegħa dam jidliklu għajnejh lil missieru, u bħal rita ta' bajda waqgħet minn għajnejn missieru, u fil-ħin raġa' ra d-dawl. U lkoll flimkien, wiċċhom fl-art, bierku l'Alla. U issa laħqet Xara u l-qaddejja tagħha, u l-iġmla u l-ġid li kien taħom Rakjieli, u għal ġimgħa sħiħa għamlu għors kbir u stiednu magħhom il-qraba u l-ħbieb tagħhom.

U Tobija ix-xiħ, u ibnu Tobija ftiehmu flimkien x'jaqbdu jroddulu lil dak it-twajjeb barrani talli waqaf magħhom u ħenn għalihom u mliehom b'kull ġid; u xtaqu jnewlulu nofs il-ġid li ġiebu magħhom. Iżda hu wegibhom: "Fil-waqt li inti kont titlob lill-Mulej bid-dmugħ f'għajnejk u kont tidfen il-mejtin, jien kont inwassal it-talb tiegħek l'Alla. U la darba inti għoġobtu l'Alla, kien jiġi minnu li inti tkun imġarrab. U fuq hekk il-Mulej issa bagħatni nfejqek; U Xara, mart ibnek, neħlisha mix-xitan. Jiena Rafiel, wieħed mill-ewwel seba' Anġli minn ta' quddiem Alla". U dawk l-imsieken, kif temm kliemu, xteħtu wiċċhom fl-art quddiemu. Iżda l-anġlu minnufih sabbarhom: "L-hena magħkom, m'għandkomx mniex tibżgħu. Bierku, iva, l'Alla u xandru ma kulħadd b'kemm ħwejjeġ tal-għaġeb waqqaf magħkom". U ħin bla waqt, għab minn quddiemhom, n ma setgħux jerġgħu jarawh. U għalkemm il-siegħa baqgħu mixħutin wiċċhom fl-art ibierku l'ALLA.

Tobija l-missier għex tnejn u erbgħin sena oħra wara li reġa' ġieħ id-dawl, u miet ta' MIJA U SENTEJN u difnuh f'Niniveh; u ibnu Tobija għex sa disa' u disgħin sena u ra l'ulied uliedu.

A.M.G.

# GERUSALEMM: BELT TA' TLIET RELIGJONIJIET

Mill-quċċata ta' l-għolja taż-Żebbuġ quddiem l-Interkontinental Hotel, ħdejn l-Imkien fejn Ġesù beka għaddehra tal-belt, tista' tara t-tliet Ġerusalemmijiet mifruxa quddiemek bħal mappa fi ktieb ta' l-iskola.

Fuq il-lemin tilmaħ 'il Ġerusalemm Għarbija, fejn bejjiegħa u xerrejja Għarab u uffiċjali tal-Ġurdan kienu jgħammru qabel il-gwerra. Il-Moskija ta' Muħammed tolqot l-għajnejn u tiġbed il-ħarsa ta' kulħadd bl-għoli tagħha fuq il-bini kollu bajdani tal-Għarab. Mibdija mis-Sultan Abdul-Malek Iben Marwin fis-sena 687 W.K., din il-Moskija hi, mingħajr dubju, mudell ħaj u mill-aqwa tas-sengħa Għarbija, u xogħol tassew tal-għaġeb bħala bini reliġjuż mill-isbaħ. Dan l-aħħar, is-sultan Hussein kien dar dawra sewwa ma' din il-Moskija, t-tiswijiet meħtieġa li swew ħafna u



*Ir-Rev.mu P. Constantinu Koser, Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan iżur l-Art Imqaddsa.*

żejjinha b'xogħlijiet u bi xbihat tal-mużajk imdieħeb li jerfgħu r-ruħ misilma. U, l'hawn u l'hemm, kliem sabiħ imqabbel fl-ilsien Għarbi mnebbaħ mill-Quran, u t-tlellix ta' madum imżewwaq u ħġejjeġ imlewmin, jimirħu ħarqien fid-dija tal-ġenna musulmana. Xejn ma hemm, ebda sinjal ma fadal li jista' jixhed il-gwerra li dan l-aħħar hemmhekk ġrat; biss tebgħa ċkejkna li ħalliet bażuka maħruba fuq wieħed mill-ħitan ta' barra, u dawra toqob fuq il-bieb tal-bronż magħmula mis-suldati ta' Iżrael meta qaċċtu s-serratura.

*ĠERUSALEMM IL-ĠDIDA*

Fuq ix-xellug ta' Ġerusalemm il-dawk l-officini għoljin sas-sema, dawk il-lukandi sbieħ u ta' lussu, u dawk is-swali għonja u ta' l-aqwa ġmiel, jagħtu xhieda ta' dehnijiet qawwija u li jimxu maż-żmien: ħolma mwettqa mil-Lhud mxennqa għal darhom sa minn bosta sekli.

Il-belt hi mdawra b'għoljiet li jimbarraw il-ħarsa ta' min ikun irid



*Faċċata tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.*

ħares 'il hemm mill-belt. Sema kaħlani, qatt imsaħħab, jaħkem leqqieni fuq wied mimli dawl, fejn il-ħars u l-ħsejjes jgħaddu min-naħa għall-oħra mingħajr ebda rażan.

## *WIED TA' KEDRON*

Bejn l-għolja taż-Żebbuġ u l-belt hemm il-Wied ta' Kedron bil-Ġnien tal-Ġetsemani, mimli b'siġar taż-Żebbuġ, li wħud minnhom jafu żmien Ġesù Kristu. Bejn l-għoljiet u l-ġnien hemm ċimiterju mċarrat b'gandotti magħmula mis-suldati tal-Ġurdan, li ħallew warajhom għodda ta' gwerra u sniedaq tal-għuda, meta ħarbu mlebbtin quddiem il-mixi mgħaġġel tal-ġgajtiet ta' Iżrael.

Il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, bħal Moskija tal-Misilmin, qiegħda wkoll tiġi msewwija, mirfuda, msaħħa. Ix-xogħol iva, sejjer xi ftit bil-mod, għax it-tfixkil, m'hemmx xi ngħidu, huwa kbir ħafna. Plieri, għoljin għoljin, kienu jirfdu il-bażilka minn ġewwa u minn barra, donnu mingħajr dawk il-knisja kienet tiġġarraf.

Il-ftit ġir li kien waqa' fil-gwerra ma setax jitqies bħala tiġrif, li kien jitlob malajr-malajr tiswija u rifda fil-bażilka. Irħieb: Griegi, kattolki, Armeni, Surjani u Kopti, kienu baqgħu hemm ġewwa jorqdu u jieklu, jitolbu u jgħassu bħalma għamlu qabel għal sekli sħaħ.

## *IL-QABAR TA' DAVID*

Dan il-Qabar ta' David kif jgħidu, jinsab fi kripta mibnija mis-suldati tas-Salibjin (Kruċjati) fuq l-imkien fejn kien hemm id-dar ta' Ġwann-Marku, u fejn Ġesù kien ġie maddixxipli tiegħu għal l-Aħħar Ċena. Minaret, għoli, għoli, fuq Qabar David, hemm mibni, qisu jinfed issema, għax dik il-knisja hi wkoll Muskija: isem David hu isem qaddis u ta' qima għal Lhud, għall-Insara u għall-Misilmin.

## *GĦAJTA TA' GWERRA*

Ebda belt fid-dinja kollha m'hi hekk li tiġbdek u ssaħħrek daqs Ġerusalem. L-isem tagħha biss hu bħal seħer li jqanqal fir-ruħ — ukoll ta' dawk li qatt ma rawha jew żaruha — qima, ġibda, devozzjoni; u għalhekk, huwa l-għajta tal-gwerra talġgajtiet ta' Iżrael f'kull ħbit ma' l-għedewwa tagħhom:- JERUXALAJOM.

Bħala belt, Ġerusalemm hi belt qaddisa minħabba t-tliet reliġjonijiet li hemm meqjuma. David, Kristu u Muħammed huma meqjumin mil-Lhud, mill-Insara u mill-Misilmin. Ilhom aktar minn tlett elef sena, l-ġnus, jitlewmu, jissieltu u jitqabdu bejniethom għal din ir-roqgħa art. U dan l-aħħar, wara taqbida ta' sitt ijiem, il-Lhud ħadu taħt il-ħakma tagħhom it-taqsima l-qadima tal-belt, li kienet taħt il-Ġurdan. Il-Lhud rebbiħin, fost il-ferħ, u biki ta' ferħ, dlonk għamlu stqarrija: li qatt ma jitilqu minn taħt il-ħakma tagħhom il-Ġerusalemm li Ġerusalemm tkun belt miftuħa għal ġnus kollha. Minkejja t-talba tal-Papa u ta' oħrajn fost il-ġnus biex Ġerusalemm tkun belt internazzjonali, ma tantx hemm tama li Iżrael tħalli dan iseħħ.

## *ABRAM*

Sew il-Lhud u kemm l-Għarab jafu lil Abram, li xi 2000 sena Q.K. kien mexxiehom minn Ur lejn l-għarb (il-punent), bħala missierhom. Il-Lhud jgħidu li huma mnisslin minn Iżakk, bin Abram, u minn Xara (Sara); l-Għarab ġejjin minn Ixmajel, iben Agar, il-qaddejja ta' Xara, mart Abram.

Wara snin ta' ħajja mexxejja 'l hawn u 'l hemm, il-Lhud kienu waqfu u bdew jgħammru fil-Palestina, fejn bdew jaħartu l-art u jiżirgħuha. Għall-ħabta tas-sena 1000 Q.K., David rebaħ f'taqbida URUXALIM, fejn b'amar il-Mulej, waqqaf saltnatu, xtara qiegħa għad-dris u bena artal għall-qima tal-Mulej. Wara, imbagħad, Salamun, iben David, bena b'amar t'Alla wkoll it-Tempju ta' Ġerusalemm.



*L-Anġlu fuq il-Qabar iħabbar lill-Maddalena li Kristu: Surexit: non est hic!. . .*

## MA NSEW QATT

Għalkemm meta r-Rumani kienu sallbu 'il Kristu, għal ħabta tas-sena 33 W.K., huma sejħulu "Sultan tal-Lhud", kienu iżda l-għorba li għarfuh bħala l-Messija mħabbar mill-Profeti.

It-Tempju ta' Salamun u ta' warajh (ta' Erodi), inqerdu fost tilwim u ġlied ma' l-Assirji, Babiloniżi Eġizzjani, Surjani u Rumani; iżda l-Profeti ma ħallew qatt lil-Lhud jinsew lil Ġerusalemm, l-anqas meta kienu meħudin għal żmien twil fil-jasar.

Wara r-rewwixta ta' bejn is-snin 66-70 W.K., Ġerusalemm ma baqgħetx belt lhudija. Titu, f'isem Ruma, ġarraf sa l-art it-tempju mibni minn Erodi u ġarr il-Gandlier tas-Seba' Friegħi lejn Ruma. Fis-sena, imbagħad, 135, rewwixta oħra wasslet għall-eżilju tal-Lhud kollha kemm huma, u Adrijanu, bena belt rumana ġdida, b'tempju ta' Veneri fuq il-Qabar fejn kien midfun Ġesù Kristu, fil-waqt li l-imkien tat-tempju tal-Lhud wara ftit taż-żmien sar miżbla.

## WARA KOSTANTINU

Ġerusalemm, għal tliet mitt sena sħaħ, kienet belt nisranija, wara li Kostantinu, bin Elena, kien għażel ir-Reliġjon ta' Kristu bħala r-Reliġjon Ewlenija tal-Imperu Ruman, fis-sena 326 W.K. Sant Elena, Omm Kostantinu, kif jingħad, sabet il-veru Salib li fuqu kien miet Ġesù, u bniet ħafna tempji wkoll (Xi wħud iżommu lil Elena bħala l-aqwa arkejologu tad-dinja).

Il-Misilmin iżommu li Mawmettu, maħtur u magħżul għall-qadi t'Alla, fis-sena 610, mill-Anġlu Gabriel, kien iżomm u jifhem li l-Profeti tal-Lhud u ta' l-Insara huma bħala għal kollox, għalkemm huma qablu; il-belt qaddisa tagħhom hi wkoll il-belt qaddisa tiegħu: Ġerusalemm. Wara l-mewt ta' Mawmettu (640 w.k.) il-Misilmin ħatfu taħt idejhom mill-Imperu nisrani 'l Ġerusalemm; iżda ħallew lill-Insara jżuru l-Belt kemm iridu u lil-Lhud ukoll jgħammru fiha. (Jekk Sant Elena kienet fetħet iż-żmien tal-pellegrinaġġi għal Ġerusalemm, saż-Żmien tan-Nofs kien hemm industrija

sħiħa tat-turiżmu! Il-WYF of Bath ta' Chaucer, li marret l-Art Imqaddsa għall-inqas tliet darbiet, ma kenitx xi eċċezzjoni).

Fis-seklu ħdax, l-imberfel kalif Hakim, bla ma ntebaħ, ta bidu għal kruċjati, ġgajtiet tas-Salibijin, meta mar ġarraf il-Knejjes insara u żamm iż-żawwara li ma jersqux lejn Ġerusalemm. Fuq mitejn sena damu jissieltu l-Insara u l-Misilmin għall-kisba ta' l-Art Imqaddsa. L-Insara żammew taħt il-ħakma tagħhom 'il Ġerusalemm għal qisu disgħin sena, meta fl-1187 il-Misilmin reġgħu rebħuha għal taħt idejhom. Ma' dwar l-1170, Sulejman il-Manifiku sebbaħ il-belt u reġġagħha għall-ġieħ ta' l-Misilmin ħakmu fuq Ġerusalemm sas-sena 1917, meta f'dik is-sena, il-Ġeneral Allenby rebaħha u daħal fiha bis-suldati ngliżi.

Kien beda żmien ieħor.

*Fr. Norbertu Ellul Vincenti,*
*O.F.M., B.A.*

## TIDĦAK BĦAL PETTINE

F'dar ta' nies għonja u puliti xi ħbieb li hemm kienu nġabru, kienu jitħadtu u xi wħud jfaħħru l-kwalitajiet sbieħ ta' waħda Sinjurina; wieħed minn dawk li kien hemm, qal: "L-aktar li nammira fis-Sinjurina dik id-daħka ta' fommha . . . . għav tidħak donnha bħal *pettine*". "X'inti tgħid", qalulu. — "Iva, għax meta tidħak turi snienha kollha.

* * * *

## BLA SNIEN

F'Eżami:— L-Eżaminatur lill-wieħed student, staqsieh: Taf iġġibli eżempju ta' xi annimal minn dawk li jreddgħu u huma bla snien?

— Iva, Sur Professur, qallu l-istudent.

— Tajjeb, semmili xi wieħed għallinqas.

— Nanti, Sur Professur, in-Nanna tiegħi.

* * * *

## KIEL TLIET MEZZANINI

— Karm, ħaristx xejn kemm naqas u għolob is-Sur Turu? Għandu jkun maħsus sewwa: anqas sura ma baqagħlu!

— Marid, ngħid, is-Sur Tur, u jonqos żgur: dak f'sena kiel u qered fi drawwiet ħżiena tliet mezzanini! . . . .

— Dan juri, mingħajr dubju, li s-Sur Tur marid bil-marda tal-ġebla!...

* * * *

## JERĠGĦU JEŻAMINAWH!

Arturu ma għaddiex fl-eżamijiet tas-sena, u rċieva telegramma mill-ġenituri tiegħu biex ikunu jafu r-riżultat. Hu wegibhom hekk:

— Maħbubin ġenituri tiegħi, l-eżamijiet irnexxew, u rnexxew hekk tajjeb, li l-eżaminaturi jixtiequ jerġgħu jeżaminawni għax-xahar ta' Ottubru li ġej. Berkuni. — Arturu.

## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# IS-SANTWARJU TAL-BEATITUDINI

V.

Id-diskors tal-Muntanja! Id-diskors tal-Beatitudini, tat-Tmien Beatitudini! Min ma semgħux? Min ma qrahx? Kemm hu sempliċi? Kemm hu sabiħ? Kemm hu dejjem ta' attwalità? Kristu tennieh wara li kien talab, wara li kien għażel minn fost id-dixxipli t-tnax appostlu tiegħu; u tennieh quddiem kotra kbira ta' nies, li kienet inġabret ma' dwaru minn kull naħa tal-Ġudija, ta' Ġerusalemm, minn naħa tal-baħar, u minn naħiet ta' Tiru u Sidoni (Luq. VI, 17). Il-Knisja s-semmagħhulna b'ferħ kbir mhux darba u tnejn ma' tul is-sena, imma speċjalment fil-festa tal-Qaddisin kollha, biex tgħallimna li l-Qaddisin għaddew minn dawn it-triqat ewlinija biex setgħu jaslu fis-saltna tas-sema.



*Is-Santwarju tal-Beatitudini.*

Il-ħsieb tagħna li nfakkru dan id-diskors tal-Beatitudini mhux dak li nfissru t-tagħlim ta' Ġesù, fih miġbur, imma li niddeskrivu, kif diġa għamilna għas-Santwarji l-oħra tal-Palestina, is-Santwarju li ġie mibni biex ifakkru.

Nibdew biex nistaqsu: f'liema post tal-Palestina Ġesù għamel dan id-diskors? Naraw x'għidulna l-Evanġelisti.

San Luqa (VII, 12-20 — VII, 1) jikteb hekk: "F'dawk il-jiem Ġesù ħareġ jitlob fuq *għolja* u qagħad jitlob il-lejl kollu. U meta sebaħ, sejjaħ lid-dixxipli tiegħu; u għażel tnax minnhom (li sejħilhom appostli). U niżel magħhom, u qatgħa kbira ta' nies . . . U hu rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu, u beda jgħid: "Henjin intom il-foqra . . . Wara li temm kliemu f'widnejn il-poplu, daħal f'Kafarnahum".

S. Mark (III, 13-14: IV, 1) hekk iħażżeż il-ġrajja: "U tala' *fuq il-għolja,* u sejjaħ ħdejh lil dawk li huwa ried, u resqu lejh. U għamel li kienu tnax miegħu, sabiex jibgħathom jippriedkaw" . . . Imbagħad, wara li ġabar fil-qosor it-tagħlim ta' Ġesù, ikompli: "U raġa' beda jgħallem ħdejn il-baħar, u nġabret ma' dwaru kotra kbira ta' nies, hekk li tala' fuq id-dgħajsa u qagħad fuq il-baħar; u l-kotra kollha kienet l-art ma' dwar il-baħar".

S. Mattew (V, 1, u VIII, 1-5) jgħidilna li Ġesù meta ra dik il-ġem-

għa ta' nies, tala' fuq *il-muntanja*... fetaħ fommu, beda jgħallimhom: "Henjin il-foqra ta' l-ispirtu . . ." meta temm kliemu niżel *mill-muntanja* u daħal Kafarnahum".

Kieku kellna ngħaqqdu flimkien il-ġrajjiet ta' l-Evanġelisti, konna ngħidu li meta wasal għal Ġesù ż-żmien li jaħtar l-Appostli u jibda jxandar it-tagħlim divin tiegħu, Ġesù tala' l-muntanja, talab, għażel l-Appostli niżel magħhom nofs triq, iltaqa' mal-folla f'witja, xandar id-diskors tal-beatitudini, baqa' nieżel lejn il-baħar, biex jippriedka fejn, minħabba l-kotra, kellu jitla' fuq dgħajsa, u, minn hemm, kif spiċċa, telaq lejn Kafarnahum. Iċ-ċirkostanzi, mogħtija mill-Evanġelisti, jistgħu jwassluna biex b'xi mod naqbdu fejn kienet tiġi *l-muntanja* li minnha xandar it-tagħlim tal-beatitudini.

L-Evanġelisti jissopponu li l-muntanja kienet magħrufa. Ma jgħidux: "Ġesù tala' fuq muntanja" imma "fuq il-Muntanja". Il-muntanja ma kenitx hekk għolja, għolja, għax Ġesù telagħha fil-għaxija, qagħad il-lejl kollu jitlob; kif sebaħ sejjaħ lid-dixxipli u għażel minnhom l-appostli, niżel magħhom nofs triq fejn iltaqa' mal-folla u semmagħhom id-diskors tal-Beatitudini. Xħin mexa ftit ieħor sab ruħu qrib il-baħar, tala' fuq d-dgħajsa biex jippriedka, u kif spiċċa telaq lejn Kafarnahum.

Dan it-tagħrif jagħtina x'nifhmu li l-muntanja tal-Beatitudini hija dik li fuqho ġie mibni s-Santwarju li minnu sejrin nitkellmu. U din il-fehma tkompli tiġi msaħħa minn tradizzjoni tassew qadima ħafna. Ċerta pellegrina, jisimha Eterja, għexet fis-seklu erbgħa, wara li ddeskriviet il-bini tal-belt ta' Tabqgħa, qalet li ftit il-bogħod minn din il-belt fil-bidu tal-muntanja kienet tinsab knisja, hekk imsejħa tal-Beatitudini, u li ħdejha kien hemm grotta li fiha daħal il-Mulej biex jippriedka l-Beatitudini (Ara: Baldi, Enchiridion, 1. 354).

Il-Kustodja tat-Terra Santa, li għandha għal qalbha s-Santwarji li hija tgħożż b'tant imħabba u qima, biex tiżgura ruħha li tassew dik kienet il-muntanja li fuqha Ġesù għamel id-diskors tiegħu tal-Beatitudini, għamlet fis-sena 1935 tfittix serju arkijoloġku biex tara ssibx qrib Tabqgħa s-Santwarju li minnu kienet kitbet Eterja fis-seklu erbgħa. Dan it-tiftix arkijoloġku, immexxi miċ-ċelebri arkijoloġku franġiskan P.B. Bagatti, ta r-riżultati tassew mixtieqa, mhux biss għax instabet il-grotta, imma wkoll għax inkixfet Knisja taż-żmien beżantin il-ġmiel tagħha u fdal ta' dar, li jaħsbu li kienet xi monasteru. Il-Knisja u d-dar jinsabu qrib iċ-ċelebri għajn għamla ta' skorfina bi tmien ponot, imsejħa għalhekk bil-grieg "Eptapegon", li tiġi fuq it-triq li tagħti għal Kafarnahum. M'aħniex sa noqogħdu niddeskrivu bir-reqqa dan il-kxif arkeoloġku, li hu tassew ta' valur kbir, iżda min hu nteressat jista' jsibu fir-Rivista "Terra Santa" XVI, 1936, p. 65, ss.).

U issa li rajna fejn tinsab il-muntanja li minn fuqha Ġesù xandar il-messaġġ tiegħu lid-dinja, ħalli niddeskrivu s-Santwarju l-ġdid li fuqha ġie mibni biex ifakkar din il-ġrajja.

Is-Santwarju ġie mtella' malajr wara li ġew mitmuma l-istudji tat-tiftix arkijoloġku, jiġifieri ma' dwar is-sena 1938. Id-disinn tas-Santwarju għamlu ċ-ċelebri arkitett Antonju Barluzzi. Il-ħsieb tiegħu ma kienx li jagħmel xi Knisja majistuża, li ttelfek bil-kobor tagħha s-sbuħija tal-post għax tgħatti l-veduta li

wieħed ikun qiegħed igawdi, imma li jagħmel daqsxejn ta' knisja li fiha wieħed jista' jingabar biex jimmedita t-tifkirijiet imnissla mill-ġrajjiet tal-Vanġelju, li saru fuq u ma' dwar l-Għadira ta' Ġeneżaret, u l-iżjed mit-tagħlim tad-diskors tal-Beatitudini. Minn fuq il-muntanja wieħed jista' jilmaħ sensiela ta' bliet u rħula, imferrxa ma' tul ix-xtajtiet ta' l-Għadira, li kollha, tista' tgħid, ifakkruk f'xi għamil ta' Ġesù, li hu għamel ma' tul il-pellegrinaġġ tiegħu fuq din l-art, u li wieħed isibu mfakkar fil-Vanġelju. Il-pjanta tas-Santwarju hi għamla ta' skorfina bi tmien ponot biex tfakkar it-tmien beatitudini. Fuq il-ħitan tat-tmien ponot togħla majistuża l-koppla, miksija minn barra bir-ram. It-twieqi tal-koppla minn ġewwa jġibu mħażża fihom, kull waħda, xi beatitudni. Taħthom, ma' dwar is-Santwarju, hemm tmien twieqi oħra, għoli ta' bniedem, li jiftħulek quddiemek, dehra tassew tas-sema. Ma' dwar is-santwarju jinfirex kurritur kollu loġoġ. F'nofs il-kappella hemm artal tar-rħam mastizz, u fuqu ġmiel ta' tabernaklu; fil-panewwijiet tat-tabernaklu hemm skolpiti l-Kruċifissjoni, ir-Resurezzjoni u l-Axxensjoni ta' Ġesù, u xbieha tal-Madonna u tal-qaddisin S. Pietru u S. Pawl. Fuq it-tabernaklu hemm daqsxejn ta' tron li jservi biex fuqu titqiegħed l-isfera, meta Ġesù jiġi espost solennement. Minn fuq l-artal għal fuq it-tron hemm erba' kolonni rqaq, rqaq, u fuq il-kolonni jinfirex ark tal-irħam, imdawwar b'weraq tażżebbuġ imnaqqxin minn Mortet. Il-paviment, bħal koppla, hu tal-mużajk, u fih imnaqqxa simboli ta' virtujiet. Dan ġie magħmul mill-Artist taljan D'Achiardi, li għamel ukoll l-Istazzjonijiet tal-Vija Sagra.

Biex il-pellegrin, li jitla' jżur is-Santwarju, ma jkollux għalfejn jinżel jiġri minn fuq il-muntanja, imma jkollu ż-żmien jieqaf jimmedita u fl-istess jitgħaxxaq b'dik is-sbuħija kollha tal-veduta li tinfirex quddiem għajnejh minn fuq il-muntanja tal-Beatitudini, l-għaqda "GENS ITALICA" li kienet xtrat il-muntanja minn għand familja għarbija, bniet ospizju, li hu mmexxi mis-sorijiet, hawn Malta mafgħrufin bħala "Is-Sorijiet Franġiskani ta' l-Eġittu", li jieħdu ħsieb jilqgħu l-pellegrini b'imħabba u karità tassew nisranija u franġiskana.

P.M. CATANIA, O.F.M.

## XOGĦOL BAXX!

Is-Sur Nazin mar jagħmel żjara lill-ħabibu s-Sur Pawlin, u sabu qed jibblakka ż-żarbun.

— X'kien, qallu, is-Sur Nazin, li qed tagħmel dan ix-xogħol hekk baxx!

— Għażiż Sur Nazin, qallu s-Sur Pawlin, jinħtieġ taddatta ruħek għal kull ma jkun jinħtieġlek.

— Iva, imma m'għandekx il-qaddejja? Dan hu xogħolha! . . .

— Kelli, qallu s-Sur Pawlin, kelli, iva; imma kont iżżewwiġtha, u issa jkolli nibblakka anke ż-żarbun tagħha, mhux biss tiegħi.

# IL-BNIEDEM ĠEJ MIX-XADINA?

Hija waħda mill-mistoqsijiet li dan l-aħħar tant ġabet taħwid fl-irjus. Patri Gwidu Schembri O.F.M., għalhekk, kien ġie mitlub biex jikteb artiklu fil-"Pastor" fuq dan is-suġġett għax, kif qalilna hu stess, "hemm ħafna taħwid fl-irjus, u aħna, ministri t'Alla, ma jaqbilliex nibqgħu f'dan it-taħwid" (1). It-taħwid sar fl-irjus tas-saċerdoti, iżda wisq iżjed sar fl-irjus tan-nies mhux imkissrin fil-ħwejjeġ t'Alla bħas-saċerdoti. Bħalma għamel P. Gwidu, hekk ukoll jien nittama li b'dan l-artiklu qasir niċċara l-idejat tal-qarrejja.

Fil-Kitba Mqaddsa nsibu li Alla ħalaq il-bniedem mit-tajn ta' l-art u nefaħlu n-nifs tal-ħajja f'wiċċu, u sar il-bniedem ħlejqa ħajja (2). Il-Knisja dejjem għallmet li Alla sawwar lil Adam mit-tajn. Dan nafuh minn meta konna mmorru d-duttrina. Ix-xjenza, iżda, qiegħda turina li l-bniedem ġej mill-annimal. Il-moħħ tal-bniedem jibda jħewden: il-bniedem jew ġej mit-trab, jew ġej mix-xadina; jew il-Kitba Mqaddsa qiegħda tiżbalja, jew ix-xjenza; ma hemmx x'tagħżel: waħda jew l-oħra. Fl-imgħoddi l-Knisja kienet ta' fehma waħdanija, iżda fi żmenijietna minħabba x-xjenza qisha qiegħda tbiddel fehmetha: ma tiċħadtx li jista' jkun li l-bniedem ġej mill-annimal u mhux mit-trab. Fi kliem ieħor, il-Knisja tara li hemm raġunijiet biex wieħed iżomm li l-bniedem ġej mit-trab, kif ukoll hemm raġunijiet li jġagħlu lill-bniedem jemmen li ġej mill-annimal. Għalhekk dawn iż-żewġ fehmiet ma jmorrux kontra t-tagħlim tal-Knisja (3).

Jekk in-Nisrani jista' jżomm waħda minn dawn il-fehmiet li jrid hu, jibqa' l-fatt li jew il-Kitba Mqaddsa qiegħda tiżbalja, għax tgħid li Adam ġej mit-trab; jew ix-xjenza, li tgħid li l-bniedem ġej mill-annimal. Il-Knisja qiegħda tiżbalja li ma tikkundannax il-fehma tax-xjenza, għax dak li tgħid il-Kitba Mqaddsa qatt ma jista' jaqbel mal-fehma tax-xjenza. Iżda xejn minn dan; il-Kitba Mqaddsa u x-xjenza jaqblu bejniethom. Jekk hu minnu li l-bniedem ġej mill-annimal, il-Kelma t'Alla ma tkunx qalet kelma b'oħra li l-bniedem ġej mit-tajn. B'hekk lanqas ma nistgħu ngħidu li l-Knisja qiegħda tiżbalja għax ma tiċħadx il-fehma tax-xjenza. Iżda, kif nistgħu nqabblu l-Kelma t'Alla max-xjenza?

Il-Knisja tgħallimna li l-bniedem magħmul minn ġisem u ruħ. Ir-ruħ hi li lili tagħmilni bniedem u b'hekk ma nibqax annimal, bħalma hu l-kelb u ż-żiemel. Dan tgħidulna l-Kelma t'Alla fil-ktieb tal-Ġenesi: "ejjew noħolqu l-bniedem xbieha u xebh tagħna" (4); "Alla ħalaq il-bniedem mit-tajn ta' l-art u nefaħlu n-nifs tal-ħajja f'wiċċu" (5). Fit-twettiq tal-ħolqien Alla ma nefaħx fl-ebda ħlejqa ħlief fil-bniedem, għax lilu biss ried jagħti r-ruħ spiritwali, u għalhekk qatt ma tmut. Li kieku ma hemmx ir-ruħ spiritwali, il-bniedem u l-annimal xorta waħda, għax il-ġisem tat-tnejn hu xorta waħda. Mela dak li jintqal fuq ġisem l-anni-

mal joqgħod għal ġisem il-bniedem. Dan narawh fil-kamp tal-Mediċina fejn l-istudju u t-taħriġ għall-fejqan ta' ġisem il-bniedem isir dejjem fuq l-annimal.

Dan għidnieh biex niġu għat-tagħrif li jagħtuna x-xjenza tal-Bijoloġija u l-Fisika fuq ġisem il-bniedem u ġisem l-annimal. Il-Bijoloġija tgħidilna li l-ġisem mhux għajr nisġa ta' ċelluli ħajjin. Min-naħa l-oħra jekk bħala studjużi tal-Fisika nagħmlu l-analisi ta' ġisem il-bniedem insibu li hu magħmul minn minerali (trab), li b'kollox jiswew żewġ soldi, u tmenin fil-mija ilma. Għalhekk, jekk bħala studjuż tal-Fisika naqbad annimal f'idejja, nurih lil min ikun quddiemi u ngħidlu: dan trab, jien inkun qiegħed ngħid kelma b'oħra? Jekk hu tabilħaqq li l-bniedem ġej mix-xadin, il-Kitba Mqaddsa tiżbalja, meta tgħid li Alla qabad it-tajn, waqt li qabad annimal?

It-teorija ta' l-evoluzzjoniżmu taqbel ħafna mat-tagħlim Bibliku. Alla għax għandu moħħ bla qies, perfettissimu, jagħmel kollox bil-qies; ma għandux ħela; ma jagħmilx bla bżonn. L-għorrief tal-Knisja għalhekk huma kollha ta' fehma waħda li Alla jekk jista' jagħmel miraklu wieħed, ma jagħmilx tnejn; jekk jista' jagħmel miraklu żgħir, ma jagħmilx wieħed akbar. Biex niftehmu aħjar, jekk jista' jinqeda b'dgħajsa, ma jinqediex b'vapur. Tant hu hekk, li kieku nemmnu li t-tajn kien tabilħaqq tajn, Alla qabad it-tajn, jiġifieri qabad xi ħaġa, u din ix-xi ħaġa ħalaqha bniedem. Mela ma ħalaqx ġisem il-bniedem mix-xejn, xejn. Fil-kas tagħna jista' wieħed iżomm li Alla, ġaladarba ried li ġisem il-bniedem ikun bħal dak ta' l-annimal, ma kienx hemm għalfejn li joħloq ġisem ieħor għal Adam. Hu minn lewn id-dinja li kien ikun miraklu akbar li kieku Alla qabad it-tajn u nefaħlu, milli qabad annimal u nefaħlu, biex isir bniedem.

Iżżomm waħda jew l-oħra mill-fehmiet, jibqa' l-fatt li Alla qabad it-tajn jew ix-xadin u nefaħlu. Mela kemm lil wieħed jew kemm lill-ieħor tah xi ħaġa li ma kellux: tah nifs sejH. U għalhekk minn xadin jew trab sar Adam, sar il-bniedem, li jiġbor fih ix-xbieha t'Alla. Tibqa' mela dejjem id-differenza bejn l-annimal u l-bniedem, għalkemm għandhom l-istess għamla ta' ġisem. Dan jgħidulna l-Papa Pawlu VI: "Ma anche la teoria dell'evoluzionismo non vi sembrerà accettabile qualora non si accordi decisamente con la creazione immediata di tutte e singole le anime umane da Dio" (6).

Kulħadd jaqbel ma' dan li għidna s'issa, iżda xi wħud jeħduha mal-Knisja, għax dan issa qiegħda tgħidu. Fl-imgħoddi dejjem għallmet li t-trab għandu jfisser trab u mhux annimal. Ix-xjenza kienet li ġagħlet lill-Knisja tbiddel it-tagħlim tagħha. Fi kliem ieħor ix-xjenza uriet li l-Knisja ma għarfitx tagħti tifsir sewwa tal-Kelma t'Alla, għalkemm hi biss għandha l-jedd u d-dmir li tfisser il-Kitba Mqaddsa.

Jekk it-teorija ta' l-evoluzzjoniżmu ħadet xejra kbira fis-seklu għoxrin, dan ma kien xejn ġdid għall-Knisja. Mill-ewwel żmenijiet tal-Knisja ġa kienu jiddiskutu jekk it-trab ifissirx trab jew ħaġ'oħra. Tertuljanu, li għex 150 sena wara Kristu jagħti xhieda ta' dan. Fl-opra "De Carnis Resurrectione" (li nkitbet bejn is-sena 208 u 211 A.D.) jgħid hekk: "Quodcumque enim limus exprimebatur, Christus cogitabatur, homo futurus, quod et limus, et caro sermo, quod et terra tunc" (7). Il-

kliem "quodcumque enim limus exprimebatur" ifissru dan: ifisser x'ifisser kien it-tajn. Dan juri ċar li l-Knisja ma kinetx qiegħda tistenna l-għaref tas-seklu għoxrin biex inebbaħha li t-tajn jista' jfisser xi ħaġa oħra. Minn kliem Tertuljanu wieħed jista' jintebaħ li t-tajn seta' jfisser laħam, għalhekk annimal: "quod et limus, et caro sermo, quod et terra tunc". X'qalilha ġdid 'il-Knisja l-għaref tas-seklu għoxrin?

Għaliex mela l-Knisja ma għallmitux l-evoluzzjoniżmu bħala teorija li ma tmurx kontra t-tagħlim tagħha? Il-Knisja dejjem għallmet li l-bniedem ġej mit-tajn kif hemm fil-Kitba Mqaddsa. Dan għamlitu biex tnaqqas it-taħwid ta' l-imħuħ. Hemm żewġ kwalitajiet ta' teoriji fuq l-evoluzzjoniżmu: "l-evoluzzjoniżmu mitigat" li hawn tkellimna fuqu, u li jista' jżommu n-nisrani; u hemm "l-evoluzzjoniżmu ateu" li jqis lill-bniedem bħala annimal żvillupat bis-saħħa tiegħu nnifsu, u li Alla ma tefa ebda ruħ spiritwali fih biex isir bniedem. Ħafna ma jaslux jifhmu dawn l-irqaqat, u wisq iżjed il-bieraħ, meta ħafna kienu bla tagħlim; għalhekk x'kien ikun jiswa li l-Knisja tgerfex moħħ il-fidil? Iżda l-aqwa raġuni mhux hawn qiegħda.

Hemm bżonn nifhmuha darba għal dejjem li l-Kotba Mqaddsa qegħdin hemm biex juru l-ġrajjiet tal-fidwa tal-bniedem; jgħallmu lill-bniedem kif jikseb 'l Alla bħala l-għan ewlieni ta' ħajtu. Il-Kotba Mqaddsa, għalhekk, m'humiex hemm biex jgħallmu x-xjenzi naturali. Dan ngħiduh ukoll għall-Knisja li l-għan tagħha kien dejjem wieħed: il-fidwa, il-ħajja spiritwali ta' kull bniedem. Għalhekk id-dommi tagħha qatt ma jmissu l-materjal, it-temporal, li hu oġġett tal-istudju tax-xjenzi naturali. Id-domma tal-Knisja qiegħed filli temmen li Alla ħalaq il-bniedem bħalma ħalaq kollox, u li fil-ġisem tal-bniedem Alla nefaħ, jiġifieri taħ ruħ spiritwali; b'hekk ma jkunx annimal iżda xbieha t'Alla. Il-mod kif ġie magħmul ġisem il-bniedem, il-Knisja ma jimpurtahiex. Dan imiss lix-xjenza li tfittex u tgħarbel. Tant hu hekk, li t-tagħrif fuq l-evoluzzjoniżmu mhux ser jgħin xejn lir-ruħ għall-kisba tas-sema. Kulħadd jifhem li dan l-għerf kollu mhux ser ikun ta' rahan għall-bniedem biex jersaq iżjed lejn Alla. Nafu jew ma nafux l-mod kif ġie magħmul ġisem Adam, fejn konna bqajna fit-triq tal-qdusija. Alla ma ħalaqniex biex inkunu għorrief, iżda ġejna hawn biex inkunu l-ewwel u qabel kollox qaddisin. Li kieku l-għerf kien bżżejjed għall-glorja tal-ġenna, l-Appostlu tal-Ġnus ma kienx jikteb lill-Korintin: "naħqar lil ġismi u njassru, biex ma jiġrix li, wara li nkun xandart l-Evanġelju lill-oħrajn, jien inkun imwarrab" (8). Għalhekk x'siwi ser ikun dan l-għerf kollu għar-ruħ Nisranija? Dan it-tagħrif ser iqanqal u jħeġġeġ lir-ruħ biex iżjed tħobb 'l Alla? Għandha, mela, raġun il-Knisja tħalli dawn il-kwistjonijiet għall-katedra u għall-kotba, u ma tgħallimhomx fil-katekiżmu u minn fuq l-ambone.

Wara kollox ix-xjenza tatna provi biżżejjed biex nammettu li l-bniedem ġej mill-annimal? Nagħlqu bil-kliem ta' Patri Gwidu: "Hawn ta' min jiftakar ukoll li t-teorija evoluzzjonistika, għalkemm hi aċċettata kważi minn kulħadd, illum qed titlef mill-popolarità tagħha billi għandha ħafna punti debboli. Wieħed minn dawn il-punti hu dan: għaliex l-evoluzzjoniżmu sar (fil-każ li sar) fil-perijodu primordjali u ma

baqax isir s'issa, almenu fil-kreaturi inferjuri li mhux biss mhumiex jiżviluppaw ruħhom aktar, imma ħafna minnhom qed jgħibu?" (9).

ANDREA CUSCHIERI, O.F.M.

---

(1) Cfr. *Evoluzzjoniżmu, Poliġeniżmu u d-dnub oriġinali* fil-*Pastor,* 1968, Nru. 6, p. 4.
(2) Gen. II, 7: "Formavit igitur Dominus Deus hominem de limo terrae, et inspiravit in faciem ejus spiraculum vitae, et factus est homo in animam viventem".
(3) Cfr. Allocutio Pauli VI: *Iis qui interfuerunt Coetui v.d. "Simposio" a theologis doctisque viris habito de originali peccato,* die 11 Iulii 1966: AAS. LVIII (1966) 654.
(4) I, 26.
(5) II, 7.
(6) Allocutio: *Iis qui interfuerunt Coetui v.d. "Simposio" a theologis doctisque viris habito de originali peccato,* die 11 Iulii 1966: AAS LVIIII (1966) 654.
(7) *Enchriridion Patristicum,* M.G. ROUET DE JOURNAL, S.J. edidit, ed. 22, Barcinone-NeoEboraci, 1962, num. 361, p. 131.
(8) 1 Kor. IX, 27.
(9) GUIDO SCHEMBRI, O.F.M., *Evoluzzjoniżmu, Poliġeniżmu u d-dnub oriġinali,* fil-*Pastor,* 1968, Nru. 6, p. 8.

# WARA TUL TA' ZMIEN, WASAL IL-FARAG!...

*FTIT TA' L-ISTORJA*

Min xi darba kellu x-xorti li jmur Ġerusalemm, seta' jara hu nnifsu kif il-patrijiet franġiskani kienu jgħixu fil-Bażilka u Kunvent tal-Qabar ta' Kristu, kien jistagħġeb, u ma kienx jemmen li ħajja bħal dik kienet tista' tkun, għallinqas għal żmien twil. Iżda, għal iżjed minn minn sitt mitt sena, il-Patrijiet Franġiskani għammru u għexu hemmhekk fi kmamar żgħar u mudlama, mingħajr ebda fetħa li minnha jista' jidħol innifs. Sa l-1870 ma kellhom l-anqas is-setah li minnu setgħet tidħol ftit ta' l-arja jew ftit tax-xemx. Dak issetah kien daqsxejn ta' bitħa b'xi kmamar li ma tistax tinqeda bihom, għax ta' ebda siwi.

Fl-1869, il-Majestà Tiegħu Apostolka, Imperatur ta' l-Awstrija, Franġisku Ġużeppi I, kien ġie jżur l-Imkejjen Imqaddsa. Kien, dak iżżmien Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, ir-Rmu. P. Serafin Milani, O.F.M., saċerdot qaddis, għaref u ta' kbir għaqal. Dan, meta mar jagħmel żjara biex jagħti l-merħla f'Ġerusalemm, bħala Imperatur Kattolku, lil Franġisku Ġużeppi, stiednu għall-Quddiesa Kbira u għall-fatra fil-Bażilka u fil-Kunvent ċkejken tal-Qabar ta' Kristu. L-Imperatur laqa' bil-qalb l-istedina, u fil-jum miftihem, mar għall-quddiesa, li fiha tqarben b'qima kbira u, wara l-fatra, ħaduh jżur iċ-ċkejken Kunvent fejn jgħammru u jgħixu l-Patrijiet. Stagħġeb mhux ftit l-Imperatur ta' l-Awstrija l-Kattolka għal kif kien l-għixien tal-Patrijiet hemmhekk, u l-iżjed, meta wrewh dik in-nitfa ta' bitħa li ma kinetx tagħhom. Hawn, ir-Rmu. P. Kustodju, b'għaqal kbir, resaq fuqu u, biex ma jinstamax millohrajn li kien hemm, talbu f'widintu

biex jindaħal għalihom ma' Abdul-Aziz Khan, sultan ta' Konstantinopli biex jagħti lill-Patrijiet dik il-bitħa ċkejkna.

L-Imperatur Franġisku - Ġużeppi laqa' t-talba tal-Milani u dlonk amar lill-konslu awtrijak, li kien hemm, sabiex bla dewmien jagħmel rapport. Dan ma damx wisq biex tlesta: għamlu P. Antonju minn Tivoli, Segretarju tal-Kustodja, ġie mnew-



*Is-setaħ tal-Kunvent tas-Santu Sepulkru li kien tana s-Sultan Abdul-Aziz-Khan, bl-interċessjoni ta' l-Imperatur ta' l-Awstrija Franġisk-Ġużepp I.*

wel lill-Konslu, u dan ħaseb biex il-bqija. Wara, sewwa sew erba' xhur, l-Imperatur bl-Ambaxxatur tiegħu f'Konstantinopli, qala' għall-Patrijiet tal-Qabar ta' Kristu, dak li kien talab.

Fis-27 ta' April 1870, il-Paxà ta' Ġerusalemm sejjaħ fuq dak il-post lir-Rmu. P. Kustodju u, billi l-Paxà ma kienx ried iwelli l-bitħa kollha, ma riedx li jiġi mistieden il-Konslu Awstrijak. Iżda l-P. Kustodju żamm iebes, u l-Paxà kellu wkoll jistieden il-Konslu Awstrijak. Meta kollha kienu hemm miġburin, il-Paxà ħareġ il-pjanta tal-lok, li hu kien ġa għamel, mhux skond l-amar tas-Sultan, imma skond fehemtu, billi warrab mill-mappa xi bċejjeċ ta' art li hu ma riedx jagħti lil-Kustodja. Il-P. Kustodju u l-Konslu aċċettaw l-affari, wara taħbit kbir, bi protesta, bit-tama li f'okkażjoni oħra jaqilgħu dak li dik id-darba ġie lilhom imċaħħad. Ftehim aħjar sar imbagħad fl-20 ta' Lulju ta' l-istess sena.

Fis-siegħa u kwart tal-5 ta' Ottubru ta' l-istess sena, 1870, il-P. Kustodju, Milani, imsieħeb mid-Draguman tal-Kustodja, minn żewġ Ġannizzri u mis-Segretarju, b'sollennità kbira, mar f'Kanke, fejn kien hemm ġa miġburin il-Paxà, il-Konslu

Awstrijak u l-membri l-oħra kollha tal-kunsill. Ġew miflija u murija sewwa l-qisien, it-tul u l-wisa' ta' l-art, u ġie magħmul u ffirmat l-Att il bih il-konslu f'isem is-Sultan ċieda dak l-imkien lill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Ir-Rev.mu P. Kustodju, imbagħad, amar lil Fra Nikol minn Malta, li jwaqqa' dawk li kienu jsejħulhom kmamar u li jtella' l-ħajt divisorju. Fi żmien aktar imwaħħar l-art ġiet iċċangata bil-ġebel.

*PROĠETT TA' KUNVEN ŻGĦIR*

F'dawn l-aħħar ħames snin, Rmu. P. Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, kien u għadu, il-P. Linu V. Cappiello. Dan, sa mill-bidu li sar Kustodju, ħaseb li joħloq Kunvent ċkejken fil-Qabar ta' Kristu, biex dawk il-Patrijiet li joffiċċjaw, bil-lejl u bi nhar, l-aqwa Santwarju Kattolku, jkollhom fejn jgħammru mkien aktar kif jixtiequ ż-żmenijiet tal-lum. Għalhekk, mill-P. Kustodju flimkien mal-Patrijiet Diskreti tal-Kustodja ġie maqtugħ li għandu jinbena Kunvent sewwa sew fuq dik l-art li kien tana s-Sultan permezz tal-Imperatur Franġisku-Ġużeppi ta' l-Awstrija. Fost il-ħafna proġetti u pjanti, fl-4 ta' Lulju 1963, intagħżel dak magħmul mir-R. P. Virġilju Corbo; u b'hekk ukoll il-P. Corbo ħa f'idejh, jew aħjar, tawh f'idejh it-twettieq tal-bini tal-Kunvent. Iżda, ix-xogħol ma setax jinbeda malajr imħabba biża' li jista' jinqala' tifxil min-naħa tal-Waqf. Għalhekk, R. P. Albertu Rock, qabel ma sar ir-rikors, f'udjenza li qala' mal-Muħafeż (Gvernatur) ta' Ġerusalemm, iddiskuta sewwa l-affari miegħu. Il-Muħafeż innifsu mar imbagħad, fuq il-post, u ra b'għajnejh u stqarr bil-miktub li "bil-bini tal-Kunvent ebda preġudizzju ma hemm għall-interessi tal-Waqf". Fit-3 ta' April 1965, il-Kustodja talbet lil Muħafeż il-"Bene Stare" b'forma uffiċjali, li malajr ġie mogħti, u, għalkemm saret dlonk protesta mill-Amministrazzjoni Tal-Legati Arab (li kull bini f'dak il-post joqros il-jeddijiet tal-Waqf), bi protesta oħra, il-Kustodja tat-Terra Santa wriet, b'raġunijiet sodi, kemm tassew bla sens u bla bażi huma r-raġunijiet fil-protesta tal-Waqf. Fl-aħħarnett, fil-15 ta' Frar 1967, il-Gvernatur, Anwar el Khatib ta tweġiba lill-Patrijiet bagħtilhom il-"benestare" għall-bini tal-Konventin, li l-Patrijiet laqgħu bil-qalb, għalkemm taħt xi kondizzjonijiet.

Fit-22 ta' Frar ta' l-istess sena, il-P. Virġilju Corbo beda biex iġarraf il-kmamar li kienu fuq is-setaħ, u fit-13 ta' Marzu ġie għas-sisien u beda jibni. Imma ħaġa tal-għaġeb: kellu aktar minn darba jieqaf milli-bini! L-Amministrazzjoni tal-Waqf għamlet kullma setgħet u ħolqot kull tfixkil biex ix-xogħol ma jmurx 'il quddiem, saħansitra għamlet kawża fil-Qorti lill-Kustodja, li fid-9 ta' Mejju 1967 xandret is-sentenza li l-Kustodja għandha tieqaf u twaqqaf kull xogħol ta' bini. Iżda hawn ndaħal l-inkarigat tal-Kustodja, il-P. Albertu Rock, li ħaqqaqha kontra l-kompetenza tat-Tribunal, billi fil-kwistjonijiet taħt li "STATU QUO", il-kompetenti waħdieni hu biss il-Gvernatur ta' Ġerusalemm. Wara dan, il-Kustodja kitbet ittra ta' ringrazzjament lill-Gvernatur, għax mingħajr l-għajnuna tiegħu, kif stqarrietlu, ma kenux jaslu żgur għall-ftehim bil-paċi.

Il-P. Corbo ma ħeliex żmien, iżda għamel u ħewtel kemm felaħ biex ix-xogħol ifittex jimxi 'l quddiem, hekk li fl-aħħar ta' Novembru 1967 jiġifieri f'anqas minn disa' xhur, ix-

xogħol kien mitmum. U hekk il-lum, barra mill-kamra tas-servizzi: gabinett, banju u doċċa, żdiedu tmien kmamar ġodda, sbieħ u arjużi, ta' daqs ta' metri 3,85x3,50 kull waħda. F'kull kamra mbagħad, hemm l-ilma, sħun u kiesaħ, dawl elettriku, telefon u qanpiena elettrika għal xi bżonn ta' malajr. Tista' tasal f'dan il-kunventin, barra mit-taraġ ta' Konstantinu u l-gallerija, ukoll bil-"lift" li tieħdu mill-kamra ta' ħdejn is-sagristija. Dalwaqt, imma jkun imqiegħed "lift" ieħor Schindler, li jkun jiflaħ sitt persuni.

Il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet ġew magħmula mill-uffiċċji tal-Kunvent San Salvatur, f'Ġerusalemm.

*L-INAWGURAZZJONI*

Fit-2 ta' Diċembru, fil-5.30 p.m., Rmu. P. Kustodju, P. Linu V. Cappiello, imsieħeb mill-Komunità tal-Kunvent ta' San Salvatur, mar fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, fejn ġie milqugħ mill-P. President ta' hemmhekk u mill-P. Rock flimkien mar - rappreżentanti tal - Komunità griega u armena ortodossi. Flimkien telgħu lkoll fil-Gallerija tal-Bażilka, fejn il-P. Kustodju libes l-ispellizza, stola u l-kappa, u b'quddiem iċ-ċensier u l-akkolti, immexxijin miċ-Ċerimonjier tal-Kustodja, wasal fil-kunventin il-ġdid u bierku, waqt li l-Korista ta' San Salvatur intona l-antifona: *"Congregavit nos in unum Christi amor"*.

Ir-Rmu. P. Kustodju, imbagħad, b'diskors qasir fisser il-ħajr tiegħu lil dawk kollha li swew b'xi mod għat-twettieq ta' din l-opra hekk minn żmien twil mixtieqa u meħtieġa. Għalhekk, ħajr speċjali radd lil P. Rock għax-xogħol twil, ta' dehen u ta' ħila li wera biex rebaħ hekk tfixkil; lil P. Corbo, li mhux biss għamel il-proġett, ħoloq il-pjanti u wettaq ix-xogħol fi żmien hekk qasir, imma li wkoll għaraf jirbaħ iż-żmien f'ċirkustanzi diffiċli; u lill-uffiċini ta' San Salvatur li ħadmu bil-qalb u wettqu b'sodisfazzjon ix-xogħolijiet kollha. Fl-aħħar, ir-Revmu Kustodju ma naqasx li jgħid "Grazzi" ukoll lir-rappreżentanti tal-Griegi u tal-Armeni li għoġobhom juru għaqda magħna f'din iċ-ċirkostanza. Wara kollox, imbagħad, il-P. Kustodju stieden lil kulħadd biex igħaddi fir-Refettorju biex ibill griżmejh bis-saħħa tal-Kunventin il-ġdid.

*Mill-"Acta Terrae Sanctae"*.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## JITFAĊĊA TORRI TA' ŻMIEN ERODI L-KBIR

Ftit ilu, fl-inħawi ta' Givat Shaul, qrib Ġerusalemm, instabu l-fdalijiet ta' torri ruman, mibni xi mitt sena qabel Kristu, li minnu s-suldati kienu kienu jgħassu l-inħawi li jagħtu għal dik il-belt importanti.

It-tħaffir jew iskavazzjonijiet fuq dan il-post kienu bdew isiru fil-15 ta' Ġunju tas-sena l-oħra, taħt it-tmexxija ta' Mr. Vasilius Seferis tad-Dipartiment tal-Antikitajiet ta' Iżrael.

Dan it-Torri kien igħasses it-triq rumana għal Ġerusalemm li kienet tgħaddi xi 30 jarda bogħod minn ħdejh mid-direzzjoni ta' Liftam, Ennaws u Colonia, bliet qodma li kienu ħafna msemmija fi żmien Kristu. Ħdejn danit-torri nstabu ukoll fdalijiet ta' bini Bizantin ta' madwar ir-raba seklu wara Kristu.

It-torri ruman hu ta' għamla kwadra, għoli xi 15 il-pied. Fih sulari b'torġien tal-ġebel. Ġo fih instabu wkoll madwar 150 munita rumana, fosthom anki wħud li kien għamel Erodi l-Kbir, kif ukoll għadd ta' fuħħar imkisser. Ħafna Arkioloġisti qegħdin jaħsbu li dan it-torri kien mibni minn Erodi l-Kbir. It-tirri kien mgħotti b'munzell ġebel u trab u fuqu kien hemm kalkara tal-ġir li saret xi mitejn sena ilu. Fil-qrib instabu wkoll żewġt ibjar imħaffrin fil-ġebel ta' qedem kbir.



*Ir-Rev.mu P. Linu Cappiello, O.F.M. ibierek il-Kunvent il-ġdid..*

## ILLAWRJAT FIL-FILOSOFIJA

Il-ħabib tagħna, R.P. Giacint Nopoli, tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, dan l-aħħar iddefenda it-teżi tiegħu "*De mundi initio apud al-Kindi respectu probationis existentiae Dei*" fl-Awla tal-Università Antonjana f'Ruma, fejn b'ġieh kbir għalih ħa n-nota "summa cum laude".

Dan P. Giacint għal tliet snin studja filosofija fl-imsemmija Università għamel kors ieħor ta' studji fil-"Goethe Institute" u għal xi żmien ukoll qagħad fil-Provinċja Reliġjuża ta' Fulda jiffrequenta l-Istitut ta' Friburg. Hu ġie maħtur bħala professur u surmast tad-dixxiplina fis-Seminarju ta' Betlem. Nifirħulu minn qalbna u nixtiqulh "ad altiora".

## ĠIEH LIR-R.P. PATRIZJU COYLE, O.F.M.

F'Ġerusalemm, fil-Konsulat Ġenerali ta' Franza, il-Baruni d'Haloy. Konslu Ġenerali fl-Art Imqaddsa,

b'solennita' kbira ta' d-dekorazzjoni ta' "DE LA CROIX DE CHEVALIER DE L'ORDRE NATIONAL DU MERITE" lir-R.P. Patrizju Coyle tal-Kustodja tat-Terra Santa. Kien hemm għaċ-Ċerimonja r-Rev.mu P. Lino V. Cappiellu, Kustodju tat-Terra Santa, ir-R.P. Vigarju Kustodjali, il-Prokuratur tal-Kustodja u s-Segretarju, barra minn ħafna oħrajn.

Il-għan ewlieni ta' din id-dekorazzjoni kien, kif stqarr l-istess konslu, li jagħraf f'isem Franza l-għajnuna effiċjenti u ta' fejda li l-P. Patrizju, għal żmien ta' 20 sena ta' lill-Għaqdiet Franċiżi u lill-oħrajn, fl-istess ħin, bħala ħajr lill-oħrajn, u fl-istess ħin, bħala ħajr lill-Kustodja ukoll tat-Terra Santa.

## ONORIFIĊENZA LIR-R.P. ELPIDJU PAX, O.F.M.

Fil-"German Hospice" tas-Sorijiet ta' S. Karlu, f'Ġerusalemm, ir-R.P. Elpidju Pax ġie d-dekorat bil-"Croce al Merito" tal-prima klassi għal meriti tiegħu fil-kamp ekumeniku u soċjali. Iċ-Ċerimonja, bi kbira sollennità saret mill-Ambaxxatur Tedesk tal-TEL-AVIV, bħala Delegat mill-President tar-Repubblika Federali Tedeska. Għaċ-Ċerimonja kien presenti il-W.R.P. Bażilju Talatinian, bħala delegat tal-Kustodja, r-Rmu. Probost Luteran, il-Prof. Martinu Noth, Direttur tal-Istitut Evanġelku Bibliku u oħrajn.

Il-P. Elpidju Pax, attwali Diskret tat-T.S. u Direttur ta' "l-Istudium Biblicum Franciscanum" tal-Flaġellazzjoni, twieled fil-Breslavja fis-Silesja fit-22 ta' April 1912.

Ir-Rivista "L-Art Imqaddsa" tifraħ bil-qalb lill-P. Elpidju għal dan il-ġieħ għoli li kellu u tixtieqlu kull ġid ieħor li jista' jiswielu għal din id-dinja u għall-oħra ta' dejjem.

## KONSULTUR ĠDID FIL-KUMMISSJONI TAN-NEO-VULGATA

B'biljedd tas-Segreterija ta' l-Istat tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI ġie mħabbar lill-W.R.P. Mingwens, O.F.M., Lettur fl-Istudju Bibbliku Franġiskan tal-Flaġellazzjoni, f'Ġerusalemm, li l-Qdusija Tiegħu l-Papa ħatru Konsultur tal-Kummissjoni Pontifiċja għan Noe-Vulgata.

Il-P. Migwens hu spanjol, u barra milli hu professur fis-S. Skrittura u Kittieb ta' diversi opri u ħafna artikoli f'diversi rivisti, hu ukoll imħarreġ sewwa, mhux biss fil-Latin Bibliku, imma wkoll fl-ilsien franċiż, ingiż, taljan, portugiż u spanjol, l-ilsien tiegħu. Nifirħulu bil-qalb u nixtiequlu progress dejjem akbar.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

VALLETTA: Mejtin familja Mifsud. Mejtin familja Montanaro.

FLORIANA: Vitor Vella. Spiru. Joseph Attard. Ċensu Zarb. Anġlu, Masu, Anna u Filomena Incorvaja. Dun Viċenz.

BLATA IL-BAJDA: Mejtin Familja Paolo Spiteri. Ġużeppi Sultana. Lukarda Calleja. Mejtin Dolores Calleja. Ġużeppi Sultana.

BIRKIRKARA: Costantinu Attard. Francis Vella. Margerita u Ġovanni Cassar. Ġużeppe, Mikelina, Alfonso u Ġużeppe Gatt. Antonio u

Salvu Zammit. Joseph Falzon. Carmelo Micallef. Bertu u Marija Sammut. Ġovanni u Anna Briffa. Tereża Bonnici. Frangesco u Angela Grima. Folimena Bonnici. Mose, Carmela. Rosina u Francis Barb, Mikele u Pawla Fenech. Bertu Gauci. Francesco Borg. Berta Borg. Grazzia Gauci. Erwieħ Abbandonati. Francesco Farrugia. Carmela Abela. Wiġi Abela. Ġużeppe u Gejtana Camilleri.

MARSA: Jane Brincat. Vincenzo, Margerita, Edwardu, Ġużeppe, Carmelo u Saverina Gatt. Ġużeppe Xerri. Emilja Debono. Anġlu Debono. Ġovanni Abela. Rożina Abea. Joseph Baldacchino, Lwiġi u Konċetta Pullicino. Ġużeppe Micallef. Margerita u Carmelo Micallef.

IMQABBA: Carmelo Barbara. Pawlu Borg. Agostina Gauci. Tereża Gatt. Grezzja Zammit. Antonia Zerafa. Carmelo Zerafa. Annunziata Demicoli. Mansweta Degiovanni.

SAN PAWL IL-BAĦAR: Klementina, Ġużeppina u Franġisku Xuereb. Franżisku Coleiro. James u Margaret Taylor. Filomena, Catarina, Mansweta, Ġovanna u Margerita Muscat.

SAFI: Vinċenza, Carmela Zerafa. Mary u Anna Mifsud, Marija Cutajar. Kelina Vella. Ġovanni Vella. Martin Cutajar. Carmela, Anna Suiteri. Ġużeppe Cutajar.

BIRŻEBBUĠA: Salvinu, Ġovanni u Lorenzo Griscti. Salvatore Camilleri, Vincenzo u Tereża Abela. Giuseppe Navarro. Alice u Amneris Salvatori. Giuseppina u Giuditta Paris.

ATTARD: Rafela, Pawla u Manwel Brincat. Reġina u Pawlu Cini. Mikele Cassar. Franky Camilleri. Paul Binello. Beerbert William Micallef, Antonio u Marija Dolores Cardona. Anġela u Salvu Borg.

GARGUR: Agostino Xuereb. Vittoria Galea. Berta Bezzina. Vittorio Aquilina. Carmela Cuschieri. Lorenzo Sammut. Manwel Aquilina.

QORMI (San Ġorġ): Ġużeppe u Konsolata Zammit. Kristina u Salvatore Zammit. Anġlu Debono. Ġuża Konsolata u Annunzjata Xerri. Ġorġ u Ġużeppi Debono.

LIJA: Charlie u Adelaide Zammit. Marianna Attard. Ġovanni Marija u Nazzarenu Attard. Andrea Zammit. Ġużeppe u Katarina Zammit.

NAXXAR: Fidele Pirotta. Ġużeppe Borg. Ġużeppe u Ludgarda Vella. Karmena, Ġużeppi u Vittorja Grech. Salvu, Ġovanna u Anjeże Frendo.

ŻEJTUN: Filippa u Anġela Ellul.

VITTORIOSA: Marija, Lorenzo u Pawlina Camilleri, Lorenzo, Pawlina. Orsola u Carmela Griscti.

## GĦAWDEX

VITTORIA: Vittorja, Liberato, Carmela, Suor Marija Liberata, Francesco, Mikele, Salvatore, Vinċenzo u Ġużeppi Vella. Francesco. Pasquale Pace. Carmelo u Ġovanni Azzopardi. Serafina u Ruġġeru Pullicino. Mawrizju u Pawlu Cini. Ġużeppi Busuttil. Carlo Galea. Ġużeppi Aquilina. Pawlu u Elvira Xuereb. Catarina u Mons Ġorġ Cefai. Nazzarenu Xerri. Alfredo Spiteri. Dolores u Ġovanni Cardona. Margerita Saliba. Katarina u Carmelo Stillato. Dolores Cefai. Familja Rożarja Grech. Mikele Vella. Ġużeppe Abela. Tomaso. Marija, Ġużeppe, Carmela, Ġużeppa, Marija, Modesta, Vittoria, Francesco u Carmela Grech. Marija Hili. Ġorġ Pace. Mikelanġlu Grech. Marija Anna Cassar. Marija u Antonio Buttigieg. Francesco u Antonio Buttigieg. Cikku u Toni Spiteri. Ġużeppe u Delina Attard. Mons. Francesco Gatt. Tarcisio Gatt. Antonio Farrugia Ellis.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*